MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 369/2007

**A B**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. “Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-3 ta' Mejju tas-sena 1996;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx ulied;

3. U peress illi l-konvenut huwa hati ta eccessi, mohqrija, theddid, offizi gravi u vjolenza kemm fisika u kif ukoll psikologika fil-konfront ta’ martu oltre li l-hajja matrimonjali ma ghadhiex aktar possibbli minnhabba inkompatibbilita’ ta’ karattru tant li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli;

4. U peress illi l-istess konvenut huwa hati ta’ adulterju kommess matul iz-zwieg tal-kontendenti;

5. U peress illi l-istess kontendenti issa ilhom kwazi erba' xhur separati de facto minn ma’ xulxin;

6. U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni legali b'din il-procedura kontra zewgha in forza ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jgib id-data ta1-20 ta’ Lulju 2007 digriet numru 1255/07;

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onrabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dana ghar-ragunijiet premessi imputabbli unikament lill-istess konvenut u kwindi tawtorizza lir-rikorrenta tghix separatament minn ma’ l-intimat;

2. Tapplika kontra zewgha l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 a bazi ta artikolu 50 Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-effetti kollha tal-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet ugwali komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti liema zewg porzjonijiet ghandhom jigu assenjati f'sehem indaqs lil kull parti u dana kollu okkorrendo permezz ta periti nominandi;

5. Tordna li ssir id-divizjoni tal-assi tal-komunjoni kif likwidata mill-Qorti u taghti kull provvediment iehor opportun f'dan ir-rigward inkluz forma ta’ assenjazzjoni ta’ drittijiet minn parti ghall-ohra kontra l-hlas ta’ korrispettiv xieraq skont kif hawn fuq likwidat;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att pubbliku relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza ta’ separazzjoni fir-Registru Pubbliku ta’ Malta a tenur tal-artikolu 62A Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni”.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha ssottometta:-

1. “It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jicu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici in kwantu msejsa fuq allegazzjonijiet inveritiera u infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

2. Illi l-esponent ma jopponix l-ewwel talba in kwantu ghal pronunzja tas-separazzjoni personali izda dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenta;

3. Illi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici li irrendiet ruha hatja ta' sevizzji, minaccji u ingurju gravi kif ser jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Illi inoltre ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg hija responsabbli unikament l-attrici in kwantu rrendiet ruha hatja ta' adulterju matul iz-zwieg tal-kontendenti;

5. Illi t-tieni talba kif intavolata hija insostenibbli u inproponibli in kwantu msejsa fuq l-Art.50 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante il-fatt li dan l-Artikolu kien gie abrogat rnill-legislatur u ghalhekk kwalsiasi talba jew azzjoni rnaghmula abbazi ta' l-istess artikolu hija improponibbli u insostenibbli;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u d-dispozizzjonijiet ta' l-Art.48 jew dik il-parti applikabbli ghandhorn jigu ordnati kontra l-istess rikorrenti stante li kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri ir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 41 mhumiex applikabbli ghal kaz in kwistjoni mentri ir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 38 huma imputabbli lill-istess rikorrenti in vista ta' l-adulterju da parti taghha u mhux lill-intimat;

7. Illi l-esponent ma jopponix ghat-tielet talba;

8. Illi l-esponent ma jopponiex ghar-raba' talba, salv li jigu sodisfatti d-drittijiet u l-krediti ta' 1-esponent fil-konfront tal-komunjoni u tar-rikorrenti, liema drittijiet u krediti ser jigu ppruvati fil-mori ta' dawn il-proceduri;

9. Illi l-esponent ma jopponiex ghal harnes talba salv li jigu sodisfatti d-drittijiet u l-krediti ta' l-esponent fil-konfront tal-komunjoni u tar-rikorrenti, liema drittijiet u krediti ser jigu ppruvati fil-mori ta' dawn il-proceduri;

10. Illi l-esponent ma joppinix is-sitt u s-seba' talba;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti attrici li hi minn issa ngunta personalment in subizzjoni".

Rat ir-rapport tal-perit legali Dr Ramona Frendo li jinstab a fol. 477 tal-process.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Alan Saliba li jinstab a fol 566 tal-process.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2014.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

L-abbli Perit Legali ghamlet rassenja tal-provi mressqa li timmerita' li tigi hawn riprodotta:-

"Xhieda ta' l-Attrici

L-attrici xehdet f'diversi okkazjonijiet, kif gej : -

- permezz ta' Affidavit minnha pprezentat fis-26 ta' Frar 2008 ;
- Affidavit ulterjuri minnha pprezentat fit-22 ta' April 2008 ;

- fix-xhieda minnha moghtija *viva voce*, kemm minn jeddha u kif ukoll in kontro-ezami fis-seduti mizmuma mill-esponenti fis-27 ta' Mejju 2008, l-1 ta' Dicembru 2009, il-15 ta' Marzu 2011 u l-10 ta' Gunju 2011.

Din ix-xhieda tista' tigi riassunta kif gej : -

- L-attrici ltaqghet mal-konvenut fis-sena 1989 u zzewgu fit-3 ta' Mejju 1996;
- Fil-bidu iz-zwieg kien felici – fl-ewwel sentejn l-attrici riedet tibqa' tahdem sabiex tkompli l-post. Barra minn hekk, fis-sena 1999, il-konvenut kien wegga' bil-futbol u ghamel operazzjoni tant illi ma setax jahdem ghal sena shiha. L-attrici tghid illi f'dan iz-zmien, il-koppja kienu jghixu bil-paga taghha;
- Kif il-konvenut rega' beda jahdem, l-attrici qaltlu illi xtaqet ikollha t-tfal u wara xi sena u nofs jew sentejn jipprovaw ghat-tfal, hija marret ghand Dottor Isabelle Saliba u meta rrizulta illi ma kellha xejn hazin, baghtet ghall-konvenut sabiex jaghmel *sperm test*;
- Sussegwentement, il-konvenut gie operat fit-testikoli minn Dottor Karl German fil-klinika privata tieghu. L-attrici tghid illi din kienet l-ewwel darba illi x-xhud saret taf illi zewgha kien ghamel operazzjoni fil-parti intima tieghu meta kellu 10 snin;
- Dottor Karl German kien qal lill-kontendenti illi din l-operazzjoni kienet ir-raguni ghaliex Cma setax ikollu tfal u ghalhekk l-uniku mezz illi seta' l-partijiet ikollhom it-tfal kien permezz ta' *sperm bank* jew addozzjoni. Izda l-attrici tghid illi meta hija ssuggeriet lil zewgha illi jkollhom it-tfal bil-procedura ta' *sperm bank,* dan ma riedx u l-attrici kienet accettat illi ma jkollhomx tfal;
- Minn dan iz-zmien, l-attrici tghid illi zewgha nbidel, u kull meta kienu johorgu, kien jixrob u jsemmilha l-problema tat-tfal. Il-konvenut kien spicca johrog jixrob wahdu spiss - kwazi ta' kuljum - u jirritorna d-dar fis-sakra, xi drabi fis-sakra mejjet tant illi kien jispicca jorqod ma' l-art. Tghid illi kien hemm ukoll okkazjonijiet fejn il-konvenut kisser xi affarijiet u gieli tefa' wkoll xi affarijiet lejn martu u nkisru;
- L-attrici ssuggeriet illi jmorru *counselling* izda l-konvenut qatt ma ried u dejjem irrifjuta;
- L-attrici tghid illi wara sentejn tissaporti lil zewgha b'halqha maghluq ghaliex kienet tahseb illi dan kien qieghed jirreaggixxi hekk minhabba l-problema tat-tfal, izda mbaghad iddecidiet illi tibda tghix hajjitha;
- Apparti illi kienet tahdem *part-time* darbtejn f'gimgha, l-attrici kienet tilghab in-*netball,* ghamlet kors ta' *scuba diving* u kors tax-xaghar sabiex timla l-hin taghha. L-attrici tghid illi b'hekk kienet thossha qieghda tghix u taghmel hbieb godda;
- Kienet ukoll tohrog ma' shabha circa darba fix-xahar, u anke l-konvenut gieli mar maghha sakem l-attrici ma qaltlux aktar biex jakkumpanjaha, peress illi mbaghad il-konvenut

kien joqghod ighajjarha bihom. L-attrici tghid illi l-konvenut kien johrog kuljum jixrob u jispicca jghajjarha bi shabha jew personali, imma generalment bil-familja taghha;

- L-attrici kienet marret ghal *second opinion* ghand Dottor Thake rigward il-problema tat-tfal, pero` meta rceviet xi ittra d-dar dwar din il-vista, zewgha tghidx kemm ghajjarha u ried imur ghand l-avukat dak il-hin stess sabiex jisseparaw;

- F'Settembru 2005, wara li kienet attendiet sessjoni mill-kors tax-xaghar, f'xi l-10.00 p.m., l-attrici ma sabitx lil zewgha d-dar u meta cemplitlu, qalilha illi kien passiggata x-xatt. L-attrici tghid illi meta zewgha wasal id-dar, hija insistiet mieghu illi kien qieghed jigdeb, u dan ammetta illi kien ma' wahda Ingliza. L-attrici tghid illi dan kien veru ghaliex sabet il-*mobile number* ta' din l-Ingliza fuq il-*mobile* ta' zewgha, u cemplitilha;

- F'Lulju 2006, il-partijiet kellhom glieda, u l-konvenut fetah proceduri ta' separazzjoni u gibed il-flus kollha mill-bank;

- L-attrici kienet insistiet sabiex jipprovaw jirrangaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom, u zewgha qabel maghha. Pero` meta qaltlu illi huwa kellu jaqta' x-xorb, il-konvenut wiegeb illi hadd ma kien ser jaqtaghlu dak il-flixkun birra ta' wara x-xoghol;

- F'Ottubru 2006, waqt it-tieg ta' huh, il-konvenut kien ircieva sms minghand tfajla jisimha Karen fejn din staqsietu kienx sejjer go xi ghalqa maghha. L-attrici tghid illi din kienet l-istess Karen illi kienet fil-prezenza tal-konvenut il-*Waterfront* (meta ratu l-attrici stess) u f'okkazjoni ohra f'Novembru 2005 meta ratu oht ix-xhud;

- F'Jannar 2007, l-attrici kienet tat l-ahhar cans liz-zwieg taghhom u l-partijiet marru vakanza biex jipprovaw jirrikonciljaw. Izda dan ma sewa ghal xejn ghaliex minn sebat'ijiem vakanza, il-kontendenti ghamlu erbgha miggieldin. L-attrici tghid illi hemmhekk hija rrealizzat illi bejnha u bejn zewgha ma kien baqa' xejn aktar, u dan apparti l-fatt illi l-kontendenti kienu ilhom ma jkunu intimi minn Lulju 2006;

- Xi hmistax wara, il-partijiet kellhom glieda ohra – kellhom johorgu u l-konvenut gie fis-sakra u ma marru mkien. L-attrici tghid illi minflok, hija marret torqod ghand ommha;

- Meta zewgha kien imur id-dar fis-ssakra, l-attrici kienet tevitah u l-ghada huwa kien jikkomporta ruhu qisu ma gara xejn il-lejl ta' qabel;

- Ma' l-ewwel glieda illi l-partijiet kellhom hmistax wara l-vakanza, hija kienet avzat lil zewgha illi ser tmur tkellem avukat ghaliex issa kienet deciza illi ma kien baqa' xejn bejniethom. L-attrici baqghet tghix id-dar bil-kwiet sakemm darba minnhom, il-konvenut irritorna d-dar fis-sakra u k-partijiet iggieldu. L-attrici tghid illi zewgha garalha passatur, u hi qaltlu illi l-ghada filghodu kienet ser titlaq mid-dar;

- L-attrici tghid illi hija pprovat tasal ghas-separazzjoni bonarjament izda zewgha ma riedx illi jinqasam il-post u ried joffrilha biss is-somma ta' Lm 25,000;

- Meta regghet xehdet b'Affidavit minnha pprezentat fit-22 ta' April 2008, l-attrici qalet illi zewgha ma kienx ghadu jiffrekwenta lill-habiba tieghu Karen ghaliex kienu ggieldu;

- Izda, dejjem skond l-attrici, sadanittant, zewgha kellu relazzjoni ma' tfajla ohra jisimha Rita Caruana illi sahansitra kienet tghix mieghu gewwa d-dar matrimonjali, filwaqt illi l-attrici tghid illi hija giet imcahhda abbuzivament minn zewgha milli tidhol fid-dar konjugali peress illi dan biddel is-serraturi kollha;
- Matul iz-zwieg, l-attrici kienet tahdem *full-time* l-Qorti u *part-time* ma' zijuha go *video shop*;
- Rarament kienet ghamlet xi xoghol ta' *scuba diving instructor* u bhala *usher* Dar il-Mediterran;
- L-attrici tghid illi matul iz-zwieg, hija ma kienitx tidhol id-dar fl-istess hin minhabba x-xoghol. Fil-fatt gieli kienu jkunu t-8.00 p.m., id-9.00 jew id-9.30 p.m. sakemm hija tirritorna d-dar;
- Zewgha gieli kien ikun qabilha d-dar, u gieli le;
- Meta kien ikollu aptit, kien isajjar zewgha, u rarissimu sajjret l-attrici nnifisha;
- Fis-sena 1993, il-kontendenti kienu saru jafu lil Warren u Wendy Cremona fiz-zmien meta l-attrici u Warren kienu jahdmu l-Qorti, u kienu jorganizzaw attivitajiet flimkien, gieli bil-*partners* u gieli le;
- L-attrici cahdet illi f'Novembru 2005 kienet il-*Waterfront* ma' Warren Cremona – Warren Cremona kien xoghol hemm u l-attrici kienet ma' ohtha u zewgha fl-istabbiliment "*Heat*";
- Ir-relazzjoni bejn ix-xhud u Warren bdiet f'xi Frar 2007 wara illi giet lura mill-Bulgarija;
- Fiz-zmien meta tat din ix-xhieda, fl-1 ta' Dicembru 2009, l-attrici kellha tifel minn Warren Cremona illi twieled fit-22 ta' Novembru 2007 u ghalhekk meta sehh l-incident illi xehed dwaru John Lentini, l-attrici kellha hames xhur u nofs tqala;
- Qabel telqet mid-dar matrimonjali, l-attrici gieli siefret ma' Warren Cremona u ohrajn gewwa l-Egittu u l-Ingilterra;
- L-attrici tghid illi Warren m'ghamilx il-kors ta' *instructor* ta' *scuba diving* illi hija semmiet illi ghamlet hija stess fl-Affidavit taghha;
- L-attrici tichad illi meta hija kienet il-Bulgarija ma' zewgha, kienet cemplet lil Warren, izda tammetti illi rceviet sms minghandu;
- Ghalkemm ma kienux qieghdin tajjeb, l-attrici tghid illi hija pprovat tirrikoncilja ma' zewgha ghaliex ma xtaqitx li jitkisser iz-zwieg;
- L-attrici tghid illi hija qatt ma ghenet lil Warren bil-flus fil-pagament tal-manteniment ghal uliedu;

- B'referenza ghal dak illi ntqal fl-Affidavit ta' Wendy Cremona, l-attrici tghid illi hija kienet qalet lil zewgha illi sejra tghin lil Warren, u wara illi telaq kulhadd, l-attrici u Warren kienu qieghdin ighoddu l-*cash.* Meta marret omm Warren, il-bieb kien maghluq - mhux imsakkar - u fuq il-hgieg;

- L-attrici tghid illi hija m'ghandha l-ebda involviment ta' negozju ma' Warren u tinzel biss tghinu fir-*restaurant* Omerta`, il-Belt;

- L-attrici cahdet illi r-relazzjoni taghha ma' Warren Cremona bdiet fis-sena 2004;

- L-attrici tghid illi hija saret taf lil Warren u Wendy Cremona fis-sena 1997 u mhux fl-1993;

- L-attrici pprezentat bhala **Dok LC2** lista ta' l-assi appartenenti lill-partijiet: -
    - Mitsubishi Pick-Up bin-numru ta' registrazzjoni FAE 695 b'valur ta' circa €4568;
    - Mutur Piaggo Typhoon bin-numru ta' registrazzjoni EAD 358 b'valur ta' circa €420;
    - Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 dikjarata *total loss* mill-assikurazzjoni;
    - Ghamara gewwa d-dar konjugali b'valur ta' circa €27,952.48;
    - Id-dar matrimonjali stmata minn Perit b'valur ta' circa €302,818.54;

- Fis-sena 1993, il-kontendenti kienu hadu porzjon art tal-Gvern flimkien;

- Fis-sena 1994, il-konvenut u missieru Rokku bdew jibnu l-post filwaqt illi l-attrici hadet hsieb l-affarijiet l-ohra kollha bhall-ghamara, it-tieg, id-dota, madum u kull ma kien hemm bzonn sabiex il-kontendenti setghu jidhlu joqoghdu fil-post;

- Il-konvenut kien jixtri l-gebel biex jibni l-post u x-xhud kienet taghmel depoziti jew thallas kontanti ghall-oggetti msemmija – il-paga taghha kienet tinvestiha kollha fil-post;

- Missier il-konvenut kien qalilhom illi dan kien l-ahhar post illi ser jibni, u offra li jaghmel dan bhala rigal tat-tieg. Fil-fatt, dan kien l-uniku rigal illi taw il-genituri tal-konvenut lill-kontendenti;

- Il-konvenut qatt ma qal lil martu illi missieru kien tah Lm 400 meta zzewgu, u l-attrici tghid illi hija qatt ma rat dawn il-flus. L-uniku rigal illi tahom missier il-konvenut, kien illi bnielhom il-post;

- Missier l-attrici wkoll kien ghamel xi xoghol fil-post. Kien offra l-ghajnuna tieghu fil-bini, izda l-konvenut u missieru dejjem irrifjutaw. Bhala rigal tat-tieg, missier l-attrici kien tahom Lm 800 fi flus kontanti;

- Missier l-attrici kien jahdem mal-Gvern u jaghmel *part-time* jpoggi l-madum u meta irtira kien jahdem il-*Freeport* bil-vannijiet;L-attrici gieli kienet prezenti meta kien isir ix-xoghol fid-dar matrimonjali, anke meta kien hemm missierha jahdem hemm;

- L-attrici tghid illi bil-flus illi qalghu fit-tieg (illi l-maggor parti taghhom kienu rigali min-naha taghha), hija hallset bilanci tat-tieg u anke fuq l-ghamara;
- Meta xehdet *viva voce* fl-1 ta' Dicembru 2009, l-attrici ddikjarat illi ghalkemm fl-Affidavit taghha, hija kienet qalet illi l-kontendenti kienu hadu l-plot fis-sena 1993, jirrizulta mill-kuntratt **Dok RC1** illi effettivament, l-assenjazzjoni saret fis-sena 1991. Il-kontendenti ghamlu l-konvenju u xtraw il-post fiz-zwieg;
- Qabel iz-zwieg l-attrici kienet hallset id-depoziti fuq l-ghamara u fuq l-affarijiet tat-tieg, u xtrat il-madum tad-dar kollha;
- Ghalkemm hija ma zammitx rendikont tal-flus illi qalghu fit-tieg, l-attrici tghid illi tiftakar illi l-ammont ta' flus illi qalghet hija min-naha taghha kien hafna aktar milli qala' zewgha. Ir-rigali tat-tieg inghataw lit-tnejn;
- L-attrici tghid illi meta dahlu fid-dar matrimonjali, kollox kien lest - kollox kien inxtara qabel iz-zwieg – xi affarijiet xtrathom hi, ohrajn xtrahom il-konvenut, u gieli hargu flus flimkien;
- Meta telqet mid-dar matrimonjali, l-attrici hadet pultruna illi kienet tathielha ohtha, u nkwadru illi kien tahulha huha bhala rikordju tat-tieg. Jista' jkun illi hadet xi oggetti zghar ohra illi ma tiftakarx;
- Minn meta nghatat lura l-accesss ghad-dar matrimonjali, l-attrici hadet is-segwenti oggetti: -
    - Pultruna tal-qasab illi kienet tathielha ohtha fit-tieg;
    - Kwadru illi taha huha bhala rigal tat-tieg;
    - *DVD player* illi rritornatu f'Marzu tas-sena 2011;
    - *Computer* illi rrizulta illi mhux jahdem u l-attrici ddikjarat illi tista' tirritornah;
- L-attrici tghid illi hija avzat lil zewgha illi kienet ser tiehu l-pultruna, il-kwadru u l-*computer*;
- Ma tiftakarx illi hadet xi affarijiet zghar ohra kif gie suggerit lilha;
- Tiftakar illi hadet *sterilizer* illi tista' tirritornah;
- Ma hadet ebda *camera* ta' l-*intercom* u lanqas *toaster*;
- Ix-xhud irritornat il-c*omputer* fid-dar matrimonjali u tat lil zewgha s-*Sig Vapeur* u d-*DVD player*;
- L-attrici tghid illi r-ricevuti ghal dan kollu kienu d-dar, imbaghad sparixxew;

- Hemm diversi fatturi u ricevuti illi esebixxa l-konvenut illi l-attrici qieghda tikkontestahom;

- Il-partijiet kienu hallsu Lm 500 depozitu ghall-injam sabiex setghet issir il-kamra tas-sodda u r-ricevuta relattiva kienet id-dar. Ftit granet qabel izzewwgu, l-attrici kienet gibdet il-flus mill-*fixed account* taghha sabiex setghu jhallsu l-bilanc. L-attrici ma teskludix illi zewgha wkoll kien hareg xi flus f'dik l-okkazjoni;

- L-attrici tirrileva illi zewgha pprezenta ricevuta shiha (illi ma tiehux kont tad-depozitu) fejn qieghed jippretendi illi hallas kollox hu. Din ir-ricevuta, l-attrici tghid illi qatt ma kienet ratha qabel;

- B'referenza ghan-Nota b'dokumenti **PQ1 sa PQ13**, l-attrici tghid illi l-istima **Dok. PQ5** mahruga mill-Perit Karmenu Vella kienet gietipprezentata lill-*Housing Authority* kif kien rekwizit skond l-iskema. L-istima saret fuq ix-xoghol illi attwalment kien sar fuq il-post u ovvjament bil-prezz ta' dak iz-zmien;

- Sas-sena 1991 kien sar ix-xoghol tal-gebel fuq il-post, mentri bejn is-sena 1991 u s-sena 1996 kien qieghed isir xoghol ta' *finishing* bhal madum ecc;

- Il-Perit Karmenu Vella kien ra l-art u ta stima tax-xogholijiet illi kellhom isiru ghall-kostruzzjoni u ghall-*items* indikati fl-istess stima;

- Meta kienu ser jibdew il-proceduri ta' separazzjoni, l-attrici marret fl-istess ufficju fejn kien iservi l-Perit Karmenu Vella u sabet lill-Perit Ludovico Micallef u talbitu stima fuq ix-xogholijiet skond il-pjanta u r-rati taz-zmien meta nbena l-post (**Dok PQ5**);

- L-istima tal-Perit Micallef saret wara illi bdew il-proceduri u qabel il-kawza kienet saret stima tal-Perit Alex Cutajar fis-sena 2007. Din hija inkluza ma' **Dok PQ5**;

- Lill-Perit Ludovico Micallef, l-attrici kienet tatu l-pjanta illi kellhom originarjament meta bnew il-post u qaltlu fejn kellhom hitan dobbli jew singli. Din kienet l-istess pjanta illi l-partijiet ipprezentaw lill-*Housing Authority* ossia l-unika pjanta illi tezisti;

- L-istima illi ghamel il-Perit Karmenu Vella fis-sena 1991 hija bbazata fuq l-istess pjanta;

- L-attrici ma wrietx kopji tar-ricevuti esebiti f'dawn l-atti lill-Perit Ludovico Micallef peress illi ma kienux f'idejha;

- Il-mutur Piaggio haditu l-attrici wara s-separazzjoni *de facto* u f'dan iz-zmien kollu, kien ghand il-*mechanic* Perry ta' Birkirkara;

- L-*insurance* qalu illi l-mutur Piaggio Typhoon jiswa €200 skond *email* datata 19 ta' Jannar 2011 illi giet mmarkata bhala **Dok HSBC8** u llum huwa *beyond economical repair*;

- Sa meta nghatat ix-xhieda ta' l-attrici fil-15 ta' Marzu 2011, il-mutur Piaggio kien ghadu ghand il-*mechanic* illi informaha illi dan kien *beyond economical repair* ghaliex kien ilu wieqaf;

- L-attrici tghid illi qabel iz-zwieg, hija kellha flus bizzejjed imfaddlin biex tixtri karozza, pero` minflok xtrat il-madum tad-dar kollha u xi affarijiet ohra tad-dar;

- Qabel iz-zwieg, il-konvenut kellu Peugeot 205 stmata Lm 1000 illi fiz-zwieg uzawha bhala depozitu sabiex hargu l-Peugeot 106 illi bl-imghaxijiet b'kollox kienet giet tiswa xi Lm 7000 illi thallsu fiz-zwieg;

- Dan gara wara illi l-kontendenti qablu illi l-attrici kellha tiehu l-Peugeot 205 sabiex il-konvenut ikun jista' jixtri vann addattat ghax xoghol tieghu. Il-vann inxtara fiz-zwieg u thallas *cash* bl-ghajnuna finanzjarja ta' missier il-konvenut, illi thallas lura;

- Wara l-incident bil-Peugeot, l-attrici halliet il-karozza illi kienet giet *total loss* quddiem ix-*showroom/garage* ta' habib taghha Kevin Gatt, peress illi ma setghetx iddahhal il-karozza fil-*garage* taghha ghaliex kienet imsakkra barra minn darha. Dahhlet il-karozza fil-*garage* taghha meta regghet inghatat access;

- Kien hemm zmien meta din il-karozza kienet f'ghalqa tal-familjari ta' l-attrici, sabiex ma tkomplix tehel multi ;

- L-indirizz indikat fil-polza ta' l-assigurazzjoni tal-Peugeot kien ta' omm l-attrici, fejn l-attrici kienet toqghod dak iz-zmien;

- L-attrici tghid illi l-flus illi hija rceviet minghand Allcare Insurance Agency Limited ghall-karozza Peugeot 106 kienet tuzahom ghall-bzonnijiet ta' kuljum u lil zewgha ma tatu xejn minnhom;

- Il-karozza flimkien mal-*logbook* u c-cavett,a l-attrici ghaddiethom lil zewgha fit-2 ta' Lulju 2008, wara li nqatghet il-kawza kriminali ta' *ragion fattasi*;

- Halliet il-karozza barra t-triq peress illi kienet imsakkra barra minn darha, u ma setghetx idahhalha fil-*garage*. Fil-fatt wehlet multa skond ma jidher mill-estratt ta' *Local Enforcement Systems* mmarkat bhala **Dok HSBC7**;

- **Dok PQ11** juri l-introjtu tal-kontendenti bejn is-sena 1991 u s-sena 1996 illi mieghu giet esebita d-dikjarazzjoni tat-taxxa – generalment il-partijiet kienu jithallsu bid-*direct debit* u jista' jkun li gieli thallsu bic-cekkijiet;

- Apparti l-kontijiet f'**Dok PQ12,** l-attrici kellha xi kont *fixed* ukoll mal-Bank of Valletta. Il-flus gibdithom qabel iz-zwieg u ghamlithom fis-*savings account* esebit bhala **Dok PQ12** biex uzathom halli thallas xi depoziti fuq l-ghamara u t-tieg. L-attrici ddikjarat illi hija pprovat iggib rendikont ta' dan il-kont fiss izda l-Bank informawha illi m'ghadhomx izommu din l-informazzjoni, peress illi l-kont kien ilu maghluq aktar minn 10 snin;

- Meta kienet xebba, qabel saret taf lil zewgha, l-attrici kellha kont barra minn Malta. Il-bank esteru kien ser jaghlaq, u meta l-attrici kienet gharusa lill-konvenut, ittrasferiet il-flus mal-Barclays Bank fl-Ingilterra. Dawn il-flus kienet gabithom f'kont Malta meta l-partijiet kienu diga` mizzewgin - fis-sena 2007 jew sahansitra fis-sena 2005 meta z-zwieg kien ghadu miexi sew. L-attrici tghid illi hija ma rnexxilhiex iggib rendikont ta' dan il-kont;

- L-attrici cahdet dak illi gie suggeriet lilha illi parti mill-flus illi qalghet bhala rigali fit-tieg kienu gew iddepozitati fil-kont l-Ingilterra. Tinsisti illi bil-flus illi qalghu fit-tieg, komplew ihallsu l-ispejjez tat-tieg u tad-dar;

- Il-konvenut kien qala' bejn Lm 1200 u Lm 1400 fit-tieg u l-partijiet dawn il-flus uzawhom ghall-ispejjez tat-tieg u tad-dar billi hallsu bi flus kontanti, jew billi ddepozitaw il-flus fil-kont ta' Cu hargu cekkijiet minnu;

- L-attrici giet murija rendikont ta' kont *Savings* ma' HSBC Bank (Malta) plc bin-numru 474060322 illi gie mmarkat **Dok HSBC1** u b'referenza ghall-ammont ta' Lm 3,000 migbud fil-5 ta' Jannar 2001, qalet illi ma tafx fejn marru l-fondi;

- Meta gie suggerit lill-attrici illi dawn il-flus tpoggew fil-kont illi hija kellha barra minn Malta, l-attrici qalet illi tiftakar illi darba gibdu ammont zghir mill-kont ta' zewgha biex ghaqqdu certu ammont biex fethu l-kont ma' Barclays Bank ghaliex kien hemm ammont minimu stipulat, pero` zgur li dan ma kienx ammont ta' Lm 3,000;

- L-attrici ghalqet il-kont illi kellha ma' Barclays matul iz-zwieg u gabitu f'kont f'Malta skond ma jidher minn kopja ta' ittra datata 17 ta' Dicembru 2002 - **Dok HSBC2.** L-esponenti tirrileva illi dan id-dokument jikkonsisti biss f'ittra illi tikkonferma t-trasferiment tal-fondi u ma jinkludix rendikont jew indikazzjoni ta' l-ammonti involuti;

- L-attrici tghid illi kont barra minn Malta kellha wiehed biss fuq isimha u *joint accounts* ma' zewgha barra minn Malta ma kelliex;

- Il-konvenut qatt ma ta flus lil martu sabiex tpoggihom fil-kont taghha u l-attrici tirrileva illi zewgha kellu kontijiet tieghu kemm *savings* kif ukoll *current* skond ma jirrizulta minn applikazzjoni illi kien ghamel fit-28 ta' Ottubru 2004 fejn applika ghal *security key* - **Dok HSBC3**;

- Il-konvenut kien fetah kemm il-kont kurrenti u kif ukoll dak *savings* qabel iz-zwieg;

- L-attrici hawnhekk esebiet kopja ta' cekk datat 19 ta' Settembru 1996 illi gie mmarkat bhala **Dok HSBC4**;

- Il-kont tad-dawl u l-ilma gie trasferit fuq zewgha, u hija hadet lura l-flus illi kienet hallset.

**Xhieda ta' Antoinette Spiteri**

Fl-Affidavit taghha pprezentat fit-22 ta' April 2008, Antoinette Spiteri ddikjarat illi: -

- Hija tigi oht l-attrici;

- Kull meta kienet tmur jew tghaddi minn hdejn il-bar "*La Spiagga*", Pretty Bay, Birzebbugia kien ikun hemm il-konvenut generalment fis-sakra jew jilghab il-kaxxi tal-loghob;

- Kellha dubju illi l-konvenut seta' kien qieghed johrog ma' tfajla jisimha Karen minn xi Frar 2005 u dana peress illi x-xhud taf lil Karen u xi drabi meta kien idoqqilha l-*mobile* fil-prezenza tax-xhud, din kienet twarrab biex titkellem. Kienet taghmel dan meta kien ikun hemm ix-xhud biss;

- Ix-xhud lil ohtha ma qaltilha b'xejn qabel Settembru jew Ottubru 2005 meta kienet nizlet tieghu drink fl-istabbiliment *La Spiagga* ma' zewgha u rat lill-konvenut bejn saqajn Karen;

- Fit-18 ta' Novembru 2005, meta x-xhud kellha l-*birthday* kienet il-*Waterfront* ma' ohtha, u rat lill-konvenut hemm ma' l-istess Karen u certa Charmaine. Ix-xhud tghid illi meta hija dahlet gewwa sabiex iggib drink rat lill-konvenut wahdu ma' Karen peress illi Charmaine kienet marret x'imkien iehor ma' guvni;

- Karen kienet mistiedna ghat-tieg ta' hu Cf'Ottubru 2006. Ix-xhud tghid li din il-haga ratha stramba peress illi Karen la kienet habiba ta' hu Cu lanqas tal-mara tieghu;

- L-ghada ta' dan it-tieg, l-attrici kienet cemplet lix-xhud u staqsietha ghan-numru tal-*mobile* ta' Karen biex tikkonferma jekk l-sms illi rcieva zewgha bi stedina biex imur l-ghalqa wara t-tieg, kienitx minghand din Karen. Ix-xhud tikkonferma illi kien l-istess numru.

**Xhieda ta' Carmelo Spiteri**

Fl-Affidavit tieghu pprezentat fit-22 ta' April 2008, Carmelo Spiteri ddikjara illi: -

- Huwa missier l-attrici;

- Meta hadu l-post tal-Gvern, bdew jibnuh il-konvenut u missieru;

- Ix-xhud ta l-ghajnuna tieghu f'diversi xogholijiet bhal invjar, garr ta' knaten, konkos fis-soqfa u xoghol iehor manwali in generali;

- Xoghol iehor illi ghamel ix-xhud fil-post ta' bintu qabel ma marru joqghodu fih u qabel ma din izzewget, kien jikkonsisti fit-tqeghid u ghorik ta' madum, kisi u tikhil ta' kullimkien minn gewwa, xoghol bil-pont fuq barra u f'hafna okkazzjonijiet gieli anke xtara materjal minn butu biex ghamel dan ix-xoghol;

- Bhala rigal tat-tieg, ix-xhud kien ta lill-kontendenti Lm 800 *cash* apparti l-ghajnuna illi semma fil-post.

**Xhieda tal-konvenut**

Il-konvenut xehed permezz ta' zewg Affidavitsipprezentati fl-4 ta' Mejju 2009 u l-11 ta' Gunju 2009 rispettivament, u fix-xhieda minnu moghtija *viva voce* fis-seduti mizmuma mill-esponenti fit-12 ta' Jannar 2010, il-5 ta' Novembru 2010 u s-7 ta' Dicembru 2010.

Ix-xhieda tal-konvenut tista' tigi riassunta kif gej: -

- Fil-bidu, iz-zwieg kien felici u wara ftit taz-zmien l-attrici riedet it-tfal. Izda wara t-testijiet irrizulta illi l-konvenut ma jistax ikollu t-tfal u ghalhekk huwa offra illi jmorru l-Ingilterra sabiex jipprovaw il-procedura ta' l-i*sperm bank* izda martu ma riditx ;

- Il-konvenut gie mistoqsi jekk hux minnu illi martu xtaqet illi jirrikorru ghal *sperm bank* izda hu ma riedx u ried jadotta tarbija. Wiegeb illi ma jafx xi tfisser *sperm bank* ezattament, tfal adottati ma riedx u li huwa offra lil martu illi jmorru l-Ingilterra sabiex ikollhom it-tfal ;

- Qabel iz-zwieg u sakemm marru jaghmlu t-testijiet hames snin wara z-zwieg, il-konvenut jghid illi huwa ma kienx jaf illi ma jistax ikollu tfal u ghalhekk lanqas martu ma setghet tkun taf ;

- B'danakollu, il-konvenut xehed illi qabel iz-zwieg, huwa kien qal lill-attrici illi meta kien tifel kellu operazzjoni, izda ma jafx jekk din l-operazzjoni kinitx il-kawza tal-fatt illi ma jistax ikollu tfal ;

- Il-konvenut ighid illi wara li saru t-testijiet tal-fertilita`, martu nbidlet u bdiet tohrog ta' spiss, iddum barra, ma tirrispondix meta jcemplilha u qatt ma kienet tghidlu ma' min tkun u fejn tkun. Fl-ahhar il-konvenut ighid illi huwa induna illi martu kienet qieghda tiffrekwenta lil xi hadd u kien rahom flimkien fejn id-dar tieghu ;

- Dan ir-ragel illi jismu Warren Cremona kien imur ghall-attrici filghodu sabiex imorru x-xoghol ghaliex kienu jahdmu flimkien il-Qorti ;

- L-attrici kienet tixrob u kemm-il darba habtet anke bil-lejl u kienet iccempel lil zewgha sabiex ighinha u jhallsilha t-*tow truck* ;

- Wara x-xoghol, il-konvenut ighid illi huwa kien imur id-dar u jsajjar, u joqghod jistenna lil martu sabiex jieklu flimkien ;

- L-attrici kienet tahdem ukoll *part-time* jew tmur *training session.* Fis-Sajf kienet tahdem nofs ta' nhar u ghalkemm il-*part-time job* kien fil-5.00 p.m. u mhux ta' kuljum, xorta ma kienitx toqghod id-dar ;

- Martu kienet tmur lura d-dar mill-*part-time job* fid-9.00 p.m. u kienet issib lil zewgha d-dar, pero` kemm-il darba kienet tohrog ;

- Meta kien cert illi martu kellha x'taqsam ma' haddiehor, fetah il-medjazzjoni ghaliex ried jissepara izda mbaghad ried jipprova jirranga l-problemi ta' bejniethom ;

- Din ir-rikonciljazzjoni ma sehhitx ghaliex darba l-attur mar id-dar u sab il-hwejjeg ta' Warren Cremona illi kien jahdem bihom fl-istabbiliment « *Heat* » - meta l-konvenut cempel lil

martu dwar dan, din qaltlu illi l-hwejjeg kienu ta' missierha u bdiet toffendi lix-xhud u tghidlu illi ma tahmlux u illi aktar qieghda ssir tobghodu ;

- L-attrici kienet talbet il-flus lil zewgha darbtejn ghas-safar – darba marret l-Egittu, u darba l-Ingilterra. Il-konvenut ighid illi hawn skopra illi martu kienet thallas sabiex Warren isiefer maghha. Dak iz-zmien, il-konvenut kien jahseb illi martu kienet issiefer wahedha, mentri kien ikun mod iehor ;
- Il-konvenut kien mistieden sabiex imur id-*diving holiday* l-Egittu izda ma setax ;
- Qal illi ma jafx dak illi gie suggerit lilu illi meta l-attrici marret l-Ingilterra ma hallsitx minn butha ghaliex il-vakanza kienet imhallsa ;
- Il-konvenut jammetti illi kellu hbiberija ma' mara Ingliza pero` jghid li din kienet persuna illi raha darba u ma kienx hemm intimita` bejniethom ;
- Dwar l-episodju fejn martu qalet illi kellu mara Ingliza, il-konvenut xehed illi huwa stess kien ta n-numru tal-*mobile* lil martu sabiex iccempel lil din l-Ingliza u tikkonferma illi ma kien hemm xejn bejniethom ;
- Il-konvenut qal illi lanqas ma' Karen ma kien hemm xejn, u illi l-attrici stess cemplet lil Karen sabiex tikkonferma dan ;
- Dwar dak illi qalet Antoinette Spiteri, oht l-attrici, il-konvenut ammetta illi huwa kien ikun gewwa l-bar « *La Spiaggia* » jiehu xi drink mal-barman Silvio u xi rgiel ohra, u gieli laghab xi *amusement games*. Il-konvenut qal illi kemm-il darba marret Spiteri mat-tlett itfal taghha u talbitu xi flus biex tixtrilhom xi haga, u dejjem taha. Ghamlilha wkoll xi xoghol id-dar bi prezz baxx u baqghet ma hallsitux ;
- Karen kienet tkun go dan il-bar u gieli kellimha bhal ma gieli ghamlu shabu. Il-konvenut sostna illi bejnu u bejn Karen, qatt ma kien hemm xejn ;
- Cahad dak illi gie suggerit lilu illi darba martu qabditu fit-*toilet* ma' mara f'posizzjoni intima ;
- Jista' jkun illi f'okkazjoni minnhom martu kkummentatlu illi kellu l-*boxer shorts* imcappas bid-demm ;
- Fit-18 ta' Novembru 2006, il-konvenut kien « *La Spiaggia* » u marru Karen u habiba taghha Charmaine, u offrewlu sabiex imur maghhom « *Heat* » u mar[1]. Kif waslu, marru jigru jghidulu illi kien hemm martu u Warren Cremona maghha ;
- Dakinhar, kien il-*birthday* ta' oht martu. Warren Cremona kien jahdem fl-istabbiliment « *Heat* » fejn iltaqghu, u l-attrici kienet qalet lil zewgha illi kienet sejra Bugibba ghal-lezzjoni tad-*diving instructor* ;

---

[1] Fix-xhieda taghha l-attrici wkoll isemmi dan l-incidenti pero` tindika t-18 ta' Novembru 2005 bhala d-data meta dan sehh.

- Il-konvenut ighid illi huwa ma stedinx lil Karen ghat-tieg ta' huh, u dwar il-messagg sabiex jiltaqa' maghha l-ghalqa, ighid illi martu stess kienet cemplet lil Karen illi kkonfermatilha illi dan il-messagg kien intbaghat bi zball. Fil-fatt, il-konvenut ighid illi wara t-tieg huwa mar ighin lil missieru jgorr ;

- Il-konvenut ma jiftakarx x'kien fih il-messagg illi kienet sabet martu fuq il-*mobile* tieghu minghand Karen, izda jghid illi kien wiehed ta' bejn il-hbieb ;

- Gie suggerit lill-konvenut illi darba minnhom kien fis-sakra u hebb ghal martu tant illi din kienet kostretta illi ccempel lil missieru, izda l-konvenut qal illi zgur illi ma kienx xurban, u lanqas refa' jdejh fuq martu, avolja din sabbtitlu l-bieb f'wiccu. Il-konvenut kien irrabja u martu cemplet lil missieru, pero` kienet hi li refghet idejha fuqu ;

- Il-konvenut qal illi huwa qatt ma kellu problema ta' xorb u cahad kategorikament illi xi darba refa' jdejh fuq martu ; anzi jghid illi kien hemm episodji meta l-attrici stess refghet idejha fuqu, u zammha missier il-konvenut ;

- Il-konvenut ighid illi fl-okkazjoni meta waqqaf il-proceduri ta' medjazzjoni illi kien beda huwa stess, dan kien sabiex jipprovaw isolvu d-differenzi ta' bejniethom. Meta marru l-Bulgarija, il-hsieb kien illi jipprovaw jirrangaw ;

- Meta l-kontendenti marru l-Bulgarija fis-sena 2006[2], il-glied inqala' ghaliex il-konvenut qabad lil martu ccempel lil Warren ;

- Warren, kif ukoll xi impjegati ohra tal-Qorti fejn kienet tahdem l-attrici, gieli tawha lifts. Warren kien iwassal lill-attrici d-dar fis-2.00 a.m. bil-karozza tal-konvenut wara illi Warren u l-attrici jkunu hargu flimkien filghaxija, u wara illi l-konvenut kien ikun hareg ghax-xoghol ;

- Il-konvenut kien jispicca mix-xoghol fl-4.00 p.m. u gieli dam sad-9.00 p.m ;

- Wara Warren kien imur ghall-attrici bil-karozza tal-konvenut stess. F'dan iz-zmien, il-partijiet kellhom il-problemi izda ma kienux qieghdin jisseparaw ;

- Il-konvenut ighid illi apparti Warren Cremona, kien hemm impjegati ohra tal-Qorti illi taw lift lil martu bil-karozza privata taghhom ;

- Il-konvenut jaqbel illi kien hemm okkazjoni wahda meta martu habtet bil-lejl, avolja fl-Affidavit gie mnizzel « *kemm–il darba habtet* ». Kienet tohrog hafna ;

- Meta l-attrici habtet, il-konvenut ma marx fuq il-post u x'hin stenbah fis-2.30 a.m. jew it-3.00 a.m. ghaliex martu cemplitlu, ma kienitx xita ;

- Fl-ahhar mill-ahhar, jirrileva l-konvenut, kienet l-attrici illi abbandunat id-dar matrimonjali wara illi harget tqila minn Warren ;

---

[2] Fix-xhieda taghha, l-attrici ma kienitx cara dwar liema sena l-kontendenti marru l-Bulgarija – u tindika l-2006 jew 2007. Izda jidher illi dan kien biss ftit taz-zmien qabel ma l-partijiet infirdu *de facto,* u ghalhekk l-esponenti tqis illi x'aktarx illi dan kien fl-2007.

- Fi Frar tas-sena 2007, qabel martu telqet mid-dar, il-konvenut meta wasal id-dar wara x-xoghol, kien sab lil martu u lill-genituri taghha jgorru l-affarijiet mid-dar ;
- Il-konvenut ma jiftakarx illi martu qaltlu illi kienet ser titlaq mid-dar minn gurnata qabel, imma jaf zgur illi huwa qatt ma keccieha u din telqet minn jeddha ;
- Wara l-konvenut sar jaf illi martu kienet tqila minn Warren Cremona, u ghalhekk telqet mid-dar ;
- Il-konvenut irrileva illi hemm kawza ta' denegata paternita` illi nfethet fil-15 ta' April 2008 (Rik. Gur. Numru 161/2008 JA fl-ismijiet **CB vs Lorrianne B et**)[3];
- Skond il-konvenut, ir-relazzjoni tieghu ma' Rita Caruana bdiet xi sentejn u nofs qabel id-data tax-xhieda tieghu fis-7 ta' Dicembru 2010. Jammetti illi ghandhom relazzjoni intima ;
- Fiz-zmien meta pprezenta l-Affidavit tieghu ta' l-4 ta' Mejju 2009, il-konvenut ammetta illi kien qieghed jiffrekwenta lil Rita Caruana, izda cahad illi din qieghda tghix gewwa d-dar matrimonjali ;
- Jiftakar il-proceduri kriminali fejn huwa gie ordnat jaghti access lil martu ghad-dar matrimonjali ;
- Qabel din is-sentenza, Rita Caruana kienet tmur id-dar tieghu u gieli raqdet hemm;
- Wara li sseparaw *de facto,* l-attrici kellha access liberu ghad-dar matrimonjali, sakemm, skond il-konvenut, din bdiet tmur id-dar bil-lejl u maghha wkoll il-genituri taghha, u l-konvenut beda jsib l-affarijiet neqsin. Ighid illi kien hemm illi sakkar ;
- Il-konvenut ighid illi ma nbidlu ebda serraturi u kull ma ghamel kien illi sakkar hwejgu ghas-sigurta` tieghu. Ighid illi martu ghandha access liberu u diga` garret xi affarijiet minghajr il-kunsens tieghu, fosthom inkwatri, pultruna u affarijiet tal-kcina ;
- Il-konvenut ighid illi huwa u martu ma ftiehmux dwar l-affarijiet illi din hadet mid-dar, ghaliex hi qaltlu illi ser tiehu xi affarijiet, imbaghad baqghet tiehu affarijiet ohra bhall-*intercom* gdid bil-*camera* ;
- Ghandu rapport l-Ghassa dwar *DVD player* gdid illi martu hadet, u gabet wiehed qadim u ma jahdimx floku[4];
- Il-konvenut cahad dak illi gie suggerit lilu ossia illi kien ta l-*intercom* lil certu Frans biex ibieghu ;
- Il-konvenut ikkonferma illi **Dok RC1** huwa konvenju u mhux kuntratt. Dan huwa datat 8 ta' Awwissu 1991, filwaqt illi l-kuntratt finali effettivament sar fit-13 ta' Novembru 1996, u cioe` wara z-zwieg tal-partijiet illi sar f'Mejju 1996;

---

[3] L-esponenti ghamlet tfittxija fir-Registru tal-Qorti minn fejn jirrizulta illi s-Sentenza relattiva nghatat fis-16 ta' Dicembru 2009 fejn gie dikjarat illi l-konvenut odjern (hemmhekk attur) mhux il-missier naturali tal-minuri iben l-attrici, illi twieled fit-22 ta' Novembru 2007.

[4] L-esponenti tirrileva illi ma ngabitx prova sufficjenti mill-konvenut f'dan ir-rigward fis-sens illi fl-atti kollha tezisti biss id-dikjarazzjoni prezenti relattivament ghal dan il-punt.

- Meta hadu l-art tal-Gvern (**Dok RC1**), il-kontendenti ddecidew illi jibnu l-post il-konvenut u missieru Rokku Cammilleri, filwaqt illi l-attrici hasbet ghad-data tat-tieg u affarijiet ohra ;

- Missier il-konvenut ma kienx spicca mix-xoghol - ghenu fil-post bhal ma ghen lil hutu l-ohra u mhux bhala rigal tat-tieg, ghaliex rigal kien tah Lm 400 ;

- Il-konvenut qal illi x-xoghol imsemmi fl-Affidavit ta' Carmelo Spiteri mhux kollu sar minn Spiteri – Spiteri ghamel xi xoghol ta' invjar, ghorok u qieghed il-madum ta' zewgt ikmamar u ghamel xoghol fuq l-appogg. Il-konkos tas-soqfa ghamluh il-konvenut u missieru, mentri l-kisi tas-soqfa sar minn haddiema illi hallashom il-konvenut;

- Il-konvenut ighid illi huwa cert illi missier martu ma tahiex Lm 800 rigal ghat-tieg ghaliex ftit xhur qabel kien talbu xi flus ghal post u qallu illi ma kellux flus. Ma jafx kemm kien ir-rigal illi tahom ghat-tieg ;

- Meta l-konvenut staqsa lil martu jekk missierha tahiex Lm 800, din kienet wiegbet li dawn il-flus missierha tahom lilha personalment u mhux bhala rigal tat-tieg ;

- Il-konvenut ighid illi l-ispejjez kollha ghal-bini tad-dar matrimonjali hallashom hu, kif jirrizulta mir-ricevuti (**Dok RC5 sa Dok RC34**). Il-konvenut ressaq ukoll stima tal-Perit Leonard Zammit ghax-xoghol illi sar minnu fid-dar matrimonjali (**Dok RC35**) ;

- Il-konvenut esebixxa r-ricevuti kollha tal-flejjes kollha illi huwa hareg sabiex inbniet id-dar matrimonjali u l-flejjes illi hallas ghat-tieg. Dawn il-pagamenti saru qabel id-data taz-zwieg. Ighid illi l-ghamara wkoll hallasha kollha hu (**Dok RC3**) u l-unika ghamara illi saret matul iz-zwieg kienu l-bibien ;

- Jista' jkun illi l-attrici hallset xi bilanci mill-flus kontanti illi qalghu fit-tieg, pero` l-konvenut jinsisti illi l-ghamara tal-post hallasha kollha hu;

- Qabel iz-zwieg, il-partijiet kienu xraw biss kcina illi hallas ghaliha l-konvenut u kamra tas-sodda illi l-attrici hallset parti minnha – l-bqija ta' l-ghamara nxtrat fiz-zwieg ;

- Qabel iz-zwieg, il-konvenut ighid illi gieli kien ta xi flus lill-attrici biex tpoggihom fil-kont kurrenti taghha u tohrog ic-cekkijiet – id-depozitu illi sar fuq il-kcina nhareg b'cekk li ma jiftakarx ta' kemm kien, u jista' jkun illi nhareg bi flus illi kien ghaddielha hu ;

- Il-konvenut ma qabilx ma' dak illi gie suggerit lilu in kontro-ezami illi l-kamra tas-sodda thallset minn flus illi kellha l-attrici f'kont fiss, izda jghid illi thallset billi l-ewwel sar depozitu u mbaghad saru pagamenti akkont ;

- Skond il-konvenut, ir-ricevuta **Dok RC3** mhix korretta ghaliex il-flus ma thallsux f'daqqa pero` kien il-konvenut stess illi hallas ;

- Il-konvenut cahad dak illi gie suggerit lilu in kontro-ezami fir-rigward ta' **Dok RC14** ossia illi d-depozitu thallas qabel iz-zwieg mentri l-bqija tal-pagament sar fiz-zwieg. Zied ighid illi l-pagament kollu msemmi f'**Dok RC14** sar qabel iz-zwieg unikament mill-fondi tieghu, u mhux minn fondi tieghu u ta' l-attrici;

- Il-konvenut jinsisti illi l-post kollu, inkluz il-*finishings,* ghamilhom hu u illi l-partijiet ma kellhomx *fund* komuni sabiex ihallsu ghall-ispejjez. Ighid illi l-attrici ma harget xejn ghall-*finishings* ;

- Is-settijiet tal-kmamar tal-banju nxtraw minghand il-*Bathroom Design* u *B&M Supplies Ltd* (**Dok RC15 sa Dok RC17**) ;

- Il-post St Peter House, tal-Papa Road, Birzebbugia huwa tal-genituri tal-konvenut;

- Mistoqsi ghaliex **Dok RC15** jirreferi ghall-indirizz tal-genituri tieghu ghalkemm ir-ricevuta harget f'isem il-konvenut, specjalment meta l-konvenut qal illi s-settijiet tal-kmamar tal-banju xtrahom minn banda ohra, il-konvenut wiegeb illi minghand Farell (**Dok RC15**) xtara l-madum tal-*washroom*, btiehi u gallarijiet u poggihom fil-garaxx ta' missieru, ghaliex il-post tieghu kien ghadu ma jissakkarx ;

- Il-post kien jissakkar b'katnazz zghir illi jista' jitnehha facilment, u ghalhekk il-konvenut ma kienx ser jafda l-materjal hemm hekk ;

- Minghand B & M, il-partijiet xtraw il-madum ta' kamra tal-banju u l-madum ta' l-art. L-attrici kienet hallset parti mill-madum ta' l-art. Skond il-konvenut, l-attrici kienet thallas bic-cekkijiet anke minn flus illi kien jaghtiha l-konvenut stess;

- Gie suggerit lill-konvenut illi l-genituri tieghu xtraw kamra tal-banju minghand il-Farell. Wiegeb illi jahseb li xtrawha mill-Msida pero` mhux cert ;

- Il-konvenut ighid illi huwa ma rceviex flus ta' l-appoggi, ghaliex fuq naha minnhom bnew qablu u hallas Lm 80 (**Dok RC20**) u s-sid tan-naha l-ohra tella' qoxra ma' qoxra mal-post tal-kontendenti u ghalhekk ma kienux dovuti appoggi ;

- Il-konvenut ma jafx, ghalkemm qal illi jista' jkun, illi l-kontribuzzjonijiet tat-triq u tad-drenagg hallsithom l-attrici;

- Il-partijiet kienu hadu *cash grant* minghand il-Gvern sabiex jibnu l-post. Gie suggerit lill-konvenut illi dan kien fl-ammont ta' Lm 2,600 u wiegeb illi jista' jkun ;

- Il-Perit tad-dar kien Karmenu Vella u mhux il-Perit Leonard Zammit illi hejja l-istima **Dok RC35** ;

- Fis-sena 1991, il-Perit Ludovico Micallef mill-ufficju tal-Perit Karmenu Vella kien ghamel stima tax-xogholijiet ghall-fini tal-*cash grant* b'referenza ghal **Dok PQ5** ;

- Il-konvenut iddikjara illi sakemm il-partijiet izzewgu, il-post kien fi stat lest u abitabbli ;

- Ix-xorb u l-ikel tat-tieg thallsu kollha mix-xhud (**Dok RC2**) ;

- Il-konvenut ighid illi x-xorb hallsu hu qabel it-tieg ;

- Charlie Borg illi jissemma f'**Dok RC2** huwa z-ziju tal-konvenut illi jahdem bhala *Sales Manager* ma' Farsons. Isem il-konvenut jissemma fit-tielet faccata ta' dan id-dokument u huwa mnizzel bil-kitba ta' zijuh ;

- Il-Peugeot 106 inxtrat fiz-zwieg, pero` qabel, il-konvenut kellu Peugeot 205 mixtrija qabel iz-zwieg illi martu bieghetha ghal Lm 2000 biex xtrat il-Peugeot 106 ;

- L-attrici kienet hadet il-karozza illi kien xtara x-xhud qabel iz-zwieg Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 (**Dok RC4**), u ghall-van Mitsubishi kien silfu Lm 3000 missieru ;

- L-attrici kienet issuq karozza Peugeot 206 bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 illi kienet dejjem registrata fuq isem il-konvenut. Wara illi telqet mid-dar, l-attrici habtet b'din il-karozza illi giet iddikjarata *total loss* pero` l-konvenut jaf illi martu hadet Lm 1,400 minghand l-*insurance*. Ma jafx x'gara mill-karozza ;

- Il-konvenut ighid illi daqs tliet gimghat wara s-seduta tal-11 ta' Gunju 2009, huwa mar jiftah il-*garage* tad-dar u sab il-karozza Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 illi qabel kienet fil-pussess ta' martu ;

- Meta l-attrici telqet mid-dar, kienet hadet din il-karozza maghha u kienet tuzaha sakemm habtet biha u gabitha *total loss* ;

- Din il-karozza kienet registrata fuq isem il-konvenut u baqghet hekk ;

- Wara l-habta, l-attrici marret ghand l-*insurance* u wara ftit zmien inhareg cekk ta' madwar Lm 1500 fuq isimha;

- Il-*logbook* u c-cavetta tal-Peugeot ghadhom ghand il-konvenut – il-*logbook* tatulu martu u l-karozza tinsab fil-*garage* tad-dar ;

- Il-konvenut ighid illi lil martu diga` taha mutur tal-marka Piaggio ;

- Missier il-konvenut kien tah il-flus biex jixtri vann Mitsubishi, u l-konvenut hallsu wara xahar. Ma jiftakarx jekk martu kienitx tatu xi parti mill-flus biex ihallas lil missieru ;

- Ic-cens fuq id-dar matrimonjali nfeda bil-flus illi tah missier il-konvenut u lil missieru hallsuh meta kellhom il-flus ;

- Bejn il-flus illi tah missieru sabiex jifdi c-cens fl-ammont ta' Lm2,000 u l-flus illi ssellef minghandu sabiex jixtri l-Mitsubishi fl-ammont ta' Lm 3,000, il-konvenut lil missieru kellu jaghtih Lm 5,000 u fid-data meta xehed fis-7 ta' Ottubru 2010, skond il-konvenut, kien ghad ghandu dejn bilancjali ma' missieru ta' Lm 1000. Skond il-konvenut, jekk l-attrici hallset xi somma, din ma teccedix Lm 500 ;

- Meta gie suggerit lill-konvenut illi martu tatu pagament ta' Lm 800 u iehor ta' Lm 200 kontanti sabiex ighaddihom lil missieru, kull ma ftakar il-konvenut kien pagament wiehed, u ma ftakarx ta' kemm kien ;

- Il-konvenut ighid illi biex setghu jiehdu s-sussidju fuq l-art, l-attrici kienet harget il-flus illi kellha mfaddlin il-Bank u poggiethom f'kont mal-Barclays l-Ingilterra. Ghalhekk biex bnew il-post, il-partijiet hadmu bi flus il-konvenut;
- Il-konvenut jichad illi martu ghamlet dan it-trasferiment ta' flus ghal barra minn Malta meta kienu ghadhom kemm bdew johorgu flimkien, izda jghid illi dan sar meta hadu l-post ;
- Il-*cash grant* intuza ghall-post ;
- Matul is-seba' snin gherusija u wara z-zwieg, l-attrici dejjem hadmet ;
- Il-konvenut ma qabilx ma' dak illi gie suggerit lilu in kontro-ezami illi l-attrici kienet taqla' daqsu jew iktar minnu. Qal illi hu kien *self-employed* u kien jaqla' iktar minnha ;
- Qabel iz-zwieg, il-konvenut kien jahdem ma' l-SGS, kien hemm zmien kien jirregistra u mbaghad kien jahdem mal-BLC;
- Ix-xhud kellu paga tajba kemm ma' SGS kif ukoll mal-BLC. Seta' kien hemm zmien illi l-paga ta' l-attrici kienet oghla minn tieghu u drabi fejn is-sitwazzjoni kienet bil-kontra ;
- Il-konvenut iddikjara illi meta kien qieghed jixhed fil-5 ta' Novembru 2010, xoghlu kien fil-*gypsum* u ma' missieru fil-kostruzzjoni ;
- Mistoqsi kif iddistingwa r-ricevuti ghall-materjal illi uza ghall-post tieghu u dak illi akkwista ghall-klienti tieghu, il-konvenut wiegeb illi hu jahdem fil-*gypsum* u x-xoghol tal-kostruzzjoni tad-dar m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan;
- Gieli ghen lil missieru fix-xoghol tal-kostruzzjoni tieghu ;
- Il-konvenut jaf lil Joseph Manicaro illi jahdem bhala *truck parts dealer,* fil-ftit zmien illi jkun Malta. Meta nghatat ix-xhieda fil-5 ta' Novembru 2010, dan Manicaro kien iktar ighix barra minn Malta ;
- Ix-xhud ghamel xoghol ta' *gypsum* fil-postijiet ta' Manicaro u jista' jkun illi gieli ghen lil missieru f'xoghol ta' kostruzzjoni illi ghamel ghal Manicaro ;
- Hu l-konvenut kien jaghmel xoghol ta' *spray* fil-*garage* anness mad-dar matrimonjali, u l-konvenut qatt ma talbu flus ghall-uzu tal-*garage*.

**Xhieda ta' Rokku B**

Fl-Affidavit minnu pprezentat fl-4 ta' Mejju 2009, Rokku B ddikjara illi:-

- Huwa jigi missier il-konvenut;
- Meta ibnu ha l-post tal-Gvern qabel iz-zwieg, iddecidew illi jibnuh flimkien ;

- Fost ix-xoghlijiet illi saru kien hemm it-tqattiegh tal-blat, thammil u l-bini tad-dar ;
- Il-post ma kien fih xejn u l-partijiet kienu xtraw kcina illi ma kienitx ta' kwalita` tajba u in fatti mbaghad bidluha ;
- Bhala materjal sabiex jinbena l-post, inkluz il-madum, xtrah iben ix-xhud ;
- Wara illi l-partijiet izzewgu, ix-xhud kien silifhom Lm 3,000 sabiex xtraw van Mitsubishi u Lm 2,000 sabiex fdew ic-cens tal-post. Dawn kwazi kollha hallsuhom lura ;
- Il-Peugeot 205 kienet inxtrat mill-konvenut qabel iz-zwieg ;
- Ix-xhud cahad dak illi qalet l-attrici illi huwa kien waqaf jahdem ix-xoghol tal-bini - anzi ighid illi kien ghadu jahdem sa meta nghatat din ix-xhieda fl-4 ta' Mejju 2009 ;
- L-ghajnuna illi ta missier l-attrici fil-post kienet tikkonsisti filli darba qatta' madwar tliet sieghat jongor max-xhud bil-magna u jghabbi l-knatan minn ma' l-art ghal gol-magna. Wahhal u ghorok il-madum ta' zewgt ikmamar izda mhux minnu illi kien ta l-konkos tas-soqfa. Il-kumplament tax-xoghol ghamlu l-konvenut;
- Il-kisi tas-soqfa sar minn haddiema illi hallashom il-konvenut;
- Meta l-konvenut saritlu l-operazzjoni meta kellu ghaxar snin, it-tobba kienu qalulhom illi din kienet irnexxiet ;
- Nhar ta' Hadd, it-tfal tieghu jieklu d-dar tieghu izda jiftakar car illi l-attrici kemm il-darba kienet titlaq u gieli ma marret xejn ;
- Ma jafx illi ibnu ghandu problema ta' xorb ;
- Jiftakar illi darba cemplitlu l-attrici ghaliex kellha argument ma' zewgha u meta nizel ix-xhud, il-kontendenti baqghu jargumentaw. Ighid illi l-attrici hebbet ghal zewgha, u x-xhud kellu jzommha.

**Xhieda ta' Wendy Cremona**

Fl-Affidavit taghha pprezentat fl-4 ta' Mejju 2009, Wendy Cremona xehdet illi:-

- Meta kienet ghadha mizzewga, fis-sena 2000, kienet diga` tissuspetta illi zewgha Warren Cremona kellu relazzjoni ma' l-attrici illi kienet tiffrekwenta hafna l-bar ta' zewgha ;
- Il-glied illi wassal ghas-separazzjoni taghha kien kollu minhabba l-attrici ghaliex Warren kien idahhalha mieghu f'kull haga illi kien jaghmel, bhall-kors tad-*diving* u tal-*computer* ;
- Il-konjugi B kienu ta' sikwiet imorru d-dar tax-xhud u darba kienu hargu lkoll flimkien f'Lejliet il-Milied – ix-xhud ma tindikax ta' liema sena. Tghid illi Ckellu xi jghid u telaq

id-dar bil-mixi minn Paceville filwaqt illi l-attrici wasslet lix-xhud u lil Warren id-dar. Ix-xhud telghet torqod izda taf illi l-attrici kienet baqghet id-dar ma’ Warren flok irritornat lejn darha. Dan ikkonfermawh il-kugini tax-xhud ukoll ;

- Ix-xhud riedet twaqqaf il-hbiberija ghaliex kienet taf illi l-attrici kienet ser tkun il-kagun tas-separazzjoni minn ma’ Warren, izda hu qatt ma accetta ;
- Ix-xhud kienet kellmet lil Father Ugo Cremona (illi huwa z-ziju ta’ Warren) u dan qalilha sabiex twaqqaf din il-hbiberija ghaliex Warren kien ga` kellmu qabel u kien jaf illi kien hemm relazzjoni bejniethom. Din harget iktar fil-miftuh mix-xhieda fil-proceduri ghall-annullament tal-Knisja ;
- Fis-sena 2003, ix-xhud isseparat u l-attrici ma ssemmietx f’dawk il-proceduri, izda waqt l-access bintha kienet dejjem tghidilha illi kien ikun hemm l-attrici maghhom ;
- Warren kien qal lix-xhud illi rebah vjagg ma’ tal-kors tad-*diving* u wara x-xhud saret taf illi zewgha kien siefer ma’ l-attrici. Darb’ohra mar l-Ingilterra ma’ l-attrici u qal lix-xhud illi kien sejjer ghall-funeral ta’ omm habib tieghu ;
- Ix-xhud ma tafx illi l-konvenut ghandu problema tax-xorb u meta kienu jkunu fil-kumpanija ta’ xulxin, dan kien jixrob bhal haddiehor;
- Meta bint ix-xhud kienet tkun ma’ missierha, kien ikun hemm l-attrici u anke hwejjeg ta’ l-attrici kienet tghid illi jkun hemm fil-flat ta’ missierha ;
- Meta t-tifla kienet tistaqsi ghala l-attrici tkun ma’ missierha u mhux ma’ zewgha l-konvenut, Warren kien iwiegeb illi din kienet il-*best friend* tieghu u wara ftit kienu qalulha illi l-attrici kien ser ikollha *baby* ;
- Fiz-zmien meta nghatat ix-xhieda fl-4 ta’ Mejju 2009, bint ix-xhud kienet tmur ghall-access ta’ bil-fors ghaliex ma tmurx tajjeb ma’ l-attrici - fil-fatt ma kienitx ghadha torqod ghand missierha ;
- Meta l-attrici kienet ghadha mizzewga mal-konvenut, kienet diga` tqila ;
- Darba fi zmien ir-Randan - ghal darb’ohra m’hemm l-ebda indikazzjoni ta’ liema sena - ix-xhud kienet rat lill-attrici taghmel il-visti l-Belt ma’ Warren, u mbaghad ratha l-irxoxt ta’ l-Isla mal-konvenut. Ix-xhud tghid illi ghalhekk hija ddecidiet illi tghid lill-konvenut illi martu kienet tqila minn Warren ;
- Meta l-attrici kienet ghadha mizzewga lil Robert, ix-xhud kienet irceviet cekk tal-manteniment illi kien iffirmat mill-attrici, u tiftakar lill-familjari taghha jghidulha illi raw lill-attrici tigbed il-flus mill-ATM u taghtihom lil Warren.

**Xhieda ta’ John Lentini**

John Lentini gie prodott mill-konvenut waqt is-seduta tat-18 ta’ Settembru 2009, fejn iddikjara: -

- Illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Senior Claims Handler* ma' Allcare Insurance Agency Limited illi hija agent ta' Middlesea Insurance plc;

- Ipproduca kopja ta' cekk mahrug fit-13 ta' Settembru 2007 f'isem l-attrici illi jammonta ghal Lm 1428 – dan gie mmarkat bhala **Dok JL1**;

- L-attrici kienet inxurajat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 (Peugeot 106) u din kienet involuta f'incident stradali fl-20 ta' Lulju 2007, f'Tal-Barrani, Hal Tarxien;

- Peress illi l-vettura kienet assigurata b'polza *comprehensive,* l-assigurazzjoni hallsu l-ammont imsemmi ghaliex il-vettura kienet meqjusa *beyond economical repair*;

- Il-*pre-accident value* tal-vettura skond is-*survey report* kien ta' Lm 1,700 u kellha *wreck value* ta' Lm 300 ghalhekk hallsu Lm 1400 rapprezentanti l-valur nett tal-vettura, oltre Lm 25 *towing* u Lm 3 Rapport tal-Pulizija f'ammont totali ta' Lm 1428;

- L-assigurata ma kellha l-ebda tort f'dan l-incident tant illi Elmo Insurance, l-assigurazzjoni tat-terz involut, hallset l-ammont kollu sborsat mill-Allcare Insurance;

- Skond ir-Rapport tal-Pulizija, waqt l-incident il-vettura kienet misjuqa minn Warren Cremona filwaqt illi l-assigurata kienet passigiera;

- Il-kopja tal-*logbook* fil-*file* tindika illi l-vettura assigurata kienet issejjah lill-konvenut – kopja ta' l-istess *log book* kienet diga` tinsab esebita bhala **Dok RC4** ma' l-Affidavit tal-konvenut;

- Ma kienx ix-xhud personalment illi kellu x'jaqsam mal-*claim* u lanqas kellu minuti illi jindikaw jekk fil-*handling* tal-*claim* qatt sarx kuntatt mal-konvenut;

- Fil-*file* jirrizulta illi r-*wreck* tal-vettura gie mizmum mill-attrici;

- Il-*policy holder* kienet l-attrici;

- Ix-xhud gie muri l-iskeda annessa mal-polza relattiva ghall-vettura msemmija fil-perijodu meta sehh l-incident, u rrizulta illi ghal dan l-istess perijodu kien thallas *premium* ta' Lm 95.65;

- In konnessjoni ma' dan il-*claim,* l-attrici hallset excess ta' Lm 25 pero` gie rimborsat lilha (flimkien man-*No Claims Discount*) meta Allcare irkupraw minghand Elmo Insurance Limited;

Ix-xhud iddikjara illi huma juzaw l-indirizz illi taghtihom il-klienta u ma jaghmlux verifika mar-Registru Elettorali."

**Htija ghall-Firda**.

Mill-provi mressqa jirrizulta ampjament illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien ilu ghaddej minn problemi ghal diversi snin qabel ma sseparaw *de facto*. Jirrizulta illi tul l-ahhar snin tal-konvivenza taghhom, ghalkemm kienu qed jghixu taht l-istess saqaf kienu prattikament qed jghixu hajja separata minn xulxin.

Id-diffikultajiet fil-hajja matrimonjali tal-partijiet bdew meta l-partijiet skoprew illi l-konvenut kien sterili. L-attrici tallega li zewgha kien jaf bl-isterilita' tieghu qabel iz-zwieg u dahaq biha. Din hija allegazzjoni serja. Il-Perit Legali fir-rapport taghha ikkonkludiet illi l-ebda prova konkreta dwar dan ma tresqet. Sostniet illi tali konsiderazzjoni hija aktar rilevanti f'kawza ta' annullament taz-zwieg milli f'kawza ta' separazzjoni personali. Fil-fatt il-konvenut cahad illi qabel iz-zwieg huwa kien jaf li kien sterili. Jghid li sar jaf li kien sterili hames snin wara li l-partijiet izzewgu meta saru t-testijiet medici.

Il-Qorti hi tal-fehma illi habi ta' kondizzjoni medika ta' din ix-xorta qabel ma jigi celebrat zwieg hija rilevanti hafna f'kawza ta' separazzjoni ghaliex hija aspettativa legittima ta' kull min jizzewweg illi jkun hemm l-ulied mill-unjoni matrimonjali. Filwaqt li huwa minnu li tali habi jista' jwassal ghall-annullament ta' zwieg, certament li jekk ippruvat jista' jwassal ukoll bhala raguni ghat-tkissir taz-zwieg.

Jibqa' l-fatt pero' li l-attrici ma rnexxiliex tressaq provi sufficjenti sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghha illi l-konvenut kien jaf li hu sterili qabel iz-zwieg u heba dan il-fatt minnha. Ix-xhieda taghha giet kontrastata mill-konvenut u ghalhekk in mankanza ta' provi ohra il-provi tal-attrici f'dan ir-rigward ma jnisslux il-konvinciment necessarju f'mohh il-gudikant sabiex l-allegazzjoni tal-attrici tigi kkunsidrata ppruvata sodisfacentement sal-grad li trid il-ligi.

**L-Adulterju**.

Il-partijiet jakkuzaw lil xulxin b'adulterju.

Jirrizulta illi meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf l-attrici harget tqila minn ragel iehor tant illi meta telqet mid-dar matrimonjali hija kellha gia' diversi xhur tqala. Jirrizulta wkoll illi ftit wara li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali il-konvenut dahhal tghix mieghu mara ohra fid-dar matrimonjali.

Huwa pjuttost censurabbli l-agir tal-partijiet illi konxji mill-fatt li z-zwieg taghhom kien sfaxxa kompletament komplew jirrisjedu taht l-istess saqaf u kull parti tghix hajjitha kompletament u indipendentement mill-parti l-ohra bi ksur lampanti tad-doveri statutorji ta’ koppja mizzewga. Mill-banda l-wahda jirrizulta li l-attrici kienet ilha s-snin li kif tghid hi stess “imliet hajjtiha” b’diversi attivitajiet biex prattikament eskludiet lil zewgha minn hajjtiha fosthom hrug ma’ shabha, korsijiet bhal scuba diving, attivitajiet sportivi bhal ‘netball’; filwaqt li l-konvenut beda spiss johrog u jmur f’bar jixrob.

Jirrizulta ampjament car mill-provi mressqa illi l-partijiet m’gharfux jiggestixxu l-ahbar li ma jistax ikollhom tfal. Il-fatt li l-attrici bdiet temmen li l-konvenut kien dahaq biha, verita’ jew mhiex, certament li influwixxa serjament fuq ir-relazzjoni matrimonjali ta’ bejn il-partijiet. Hija l-fehma tal-Qorti illi l-attrici wara li saret taf li minn zewgha ma setghatx ikollha tfal, fittxet attivitajiet diversivi li wasluwha sabiex tibdni relazzjoni intima ma’ haddiehor meta kienet ghadha qed tghix taht l-istess saqaf mal-konvenut. Dan jammonta ghal adulterju. Meta kien li l-attrici ikkommettiet adulterju ghall-ewwel darba ma hux car mill-atti. Il-Perit Legali esprimiet il-fehma illi l-verzjoni tal-attrici li ikkommettiet adulterju ghall-ewwel darba meta harget tqila minn Warren Caruana ma hiex verosimili tenut kont tal-fatt illi kienet ilha tohrog mieghu.

Il-konvenut mill-banda l-ohra fittex il-hrug f’bars u l-kumpanija ta’ nisa ohra. Il-Qorti mhux qed tikkonsidra li dawn tal-konvenut kienu biss hbiberiji platonici kif donnu jrid jaghti x’jifhem il-konvenut. Hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi r-relazzjoni li kellu l-konvenut ma’ certu Rita Caruana qabel ma l-konvenuta telqet mid-dar matrimonjali kienet ukoll wahda adultera. Difatti ftit wara li l-attrici harget mid-dar matrimonjali tqila b’tarbija minn haddiehor, Rita Caruana dahlet tikkoabita mal-konvenut fid-dar matrimonjali. Ghalhekk f’dan ir-rigward il-Qorti qed tiskarta l-konkluzzjoni tal-abbli Perit Legali u tiddikjara illi sew l-attrici kif ukoll il-konvenut kienu hatja ta’ adulterju.

Ghaliex il-partijiet damu ma istitwew il-proceduri gudizzjarji ghas-separazzjoni personali ma hux car ghall-Qorti, tenut kont tal-fatt illi kien tant ovvju li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet kien tkisser irrimedjabbilment u dan fuq medda twila ta’ zmien. Il-konkluzzjoni tal-Qorti f’dan ir-rigward hi fis-sens illi konxji li z-zwieg taghhom kien tfarrak irrimedjabbilment, hadd minnhom ma ried jiehu l-ewwel pass li jipprocedi bil-Qorti ghas-separazzjoni personali sakemm wasal l-inevitabbli u cioe’ li kienet l-attrici li kellha taghmel l-ewwel pass u titlaq mid-dar ghaliex kienet tqila b’wild haddiehor u tmexxi gudizzjarment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed issib liz-zewg partijiet hatja ghat-tkissir taz-zwieg taghhom minhabba li kkommettew adulterju.

Il-konvenut jghid li hu u Rita Caruana ilhom flimkien min-nofs is-sena 2007 igifieri li bdew jikkoabitaw flimkien fid-dar matrimonjali ftit wara li l-attrici harget mid-dar matrimonjali f'Marzu 2007. Mhux verosimili li l-konvenut u Rita Caruana appena bdew johorgu flimkien marru jabitaw flimkien fid-dar matrimonjali. Tali agir juri li r-relazzjoni ta' bejn il-konvenut u l-partner attwali kienet gia' ilha ghaddejja ghal certu zmien. Lanqas il-verzjoni tal-attrici ma hi qed tigi accettata mill-Qorti. L-allegazzjoni taghha li ikkommettiet adulterju ghall-ewwel darba proprju meta harget tqila bl-ewwel tarbija taghha minn Warren Caruana m'ghandiex mill-verita' tenut kont il-hrug u safar flimkien fix-xhur u snin precedenti.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ser tqis arbitrio boni viri d-data tal-1 ta' Jannar 2007, id-data li fiha iz-zewg partijiet kienu hatja ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

**ASPETT PATRIMONJALI**

**Dar Matrimonjali**

Mill-ftehim preliminari datat 8 ta' Awwissu 1991 u l-kuntratt ta' bejgh datat 13 ta' Novembru 1996, jirrizulta illi l-kontendenti xtraw il-plot fejn inbniet id-dar matrimonjali 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia *in solidum* bejniethom. Waqt is-seduta mizmuma mill-Perit Legali nhar is-6 ta' Dicembru 2011, il-partijiet qablu illi dina l-proprjeta` ghandha titpogga ghall-bejgh bil-prezz ta' €291,250.

Fir-rigward il-Perit Legali ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet u rassenja li l-Qorti qed tadotta:-

"Mill-provi migjuba, jirrizulta illi l-partijiet bnew id-dar matrimonjali qabel iz-zwieg tant illi sa meta l-partijiet izzewgu f'Mejju tas-sena 2006, il-post kien lest minn kwazi kollox. Il-kontendenti jaqblu illi l-bini tal-post sar mill-konvenut u missieru Rokku B - l-attrici tghid illi l-bini sar minn missier il-konvenut bhala rigal tat-tieg,[5] filwaqt illi l-konvenut u missieru jsostnu illi Rokku B kien bnielhom id-dar l-istess kif ghamel lill-hut il-konvenut, mhux bhala rigal tat-tieg[6].

Il-kontenzjoni principali bejn il-partijiet fil-kawza odjerna kienet tirrigwarda l-ispejjez li l-partijiet jallegaw li hargu rispettivament ghall-bini tal-fond immobiljari li l-quddiem intuza bhala dar matrimonjali

[5] Affidavit ta' l-attrici datat 26 ta' Frar 2008.
[6] Affidavit ta' Rokku B datat 4 ta' Mejju 2009.

L-attrici ssostni illi l-konvenut u missieru bnew il-post, anke bl-ghajnuna ta' missierha, filwaqt illi hi hadet hsieb l-affarijiet l-ohra bhall-ghamara, it-tieg, id-dota, madum u kull ma kien hemm bzonn sabiex il-kontendenti setghu jidhlu joqoghdu fil-post.[7] Mill-banda l-ohra l-konvenut xehed illi apparti li bnew il-post hu u missieru b'ghajnuna minima ghall-ahhar minn missier l-attrici, huwa ghamel il-pagamenti kollha relattivi ghad-dar matrimonjali - *"L-ghamara hallastha kollha jien (**Dok. RC3**) u l-unika ghamara li saret matul iz-zwieg kienu l-bibien"* u *"L-ispejjez kollha ghal bini tad-dar matrimonjali hallasthom kollha jien kif jirrizulta mill-ircevuti hawn annessi u mmarkata bhala (**Dok RC5 - Dok RC34**) kif ukoll stima tal-Perit Leonard Zammit ghax-xoghol illi sar minni fid-dar matrimonjali (**Dok RC 35**)"*[8].

L-esponenti tibda billi taghmel referenza ghall-istima maghmula mill-Perit Karmenu Vella[9] fil-15 ta' Settembru 1991 meta l-partijiet kienu ghadhom qieghdin jibnu l-post taghhom. Il-Perit Vella stima x-xoghol illi kellu jsir ossia gebel u soqfa, kontrabejt, aperturi, *plumbing*, dawl, madum, kisi u tikhil, u drenagg. Dan ix-xoghol gie stmat fl-ammont ta' Lm 16,800 – l-istima ma taghmilx referenza esplicita ghall-materjal involut.

Izda wara illi bdew il-proceduri odjerni, iz-zewg kontendenti inkarigaw Periti separati sabiex jaghmlu stima tax-xogholijiet illi saru fid-dar matrimonjali. L-attrici pprezentat stima ta' xogholijiet maghmula mill-Perit Ludovico Micallef fit-8 ta' Jannar 2009 illi turi total ta' Lm 6,611.60,[10] filwaqt illi l-konvenut ipprezenta dik maghmula mill-Perit Leonard Zammit fil-21 ta' Ottubru 2008 illi tindika valur totali ta' Lm 15,945.51[11]. "

Hawnhekk il-Perit Legali irrakkomandat li l-Qorti tinnomina perit tekniku sabiex jiehu konjizzjoni ta' dawn it-tlett stimi u jaghti valutazzjoni tax-xoghol li l-konvenut jallega li ghamel fil-fond de quo.

Dwar dan l-aspett tal-vertenza l-Perit Legali kellha dan xi tghid ulterjorment:-

"Issa f'dan ir-rigward, irid jinghad illi missier l-attrici, Carmelo Spiteri, fix-xhieda tieghu moghtija permezz ta' Affidavit, xehed illi huwa wkoll ghamel xi xogholijiet gewwa d-dar matrimonjali tal-kontendenti illi jinkludu invjar, garr ta' knaten, konkos fis-soqfa, tqeghid u ghorik ta' madum, kisi u tikhil ta' kullimkien minn gewwa, u xoghol bil-pont fuq barra[12]. Min-naha l-ohra, Rokku B (missier il-konvenut), fl-Affidavit tieghu xehed illi Spiteri ghamel madwar 3 sieghat jongor mieghu bil-magna,

---

[7] Affidavit ta' l-attrici datat 26 ta' Frar 2008.
[8] Affidavit tal-konvenut datat 4 ta' Mejju 2009.
[9]**Dok PQ5** illi saret bhala rekwizit ta' l-iskema ta' l-Awtorita` tad-Djar illi bbenefikaw minnha l-partijiet.
[10] **Dok PQ5.**
[11] **Dok RC35.**
[12] Affidavit ta' Carmelo Spiteri datat 22 ta' April 2008.

ghabba xi knatan minn ma' l-art ghal gol-magna, u wahhal u ghorok il-madum ta' zewgt ikmamar izda jichad illi dan ta l-konkos tas-soqfa. Dejjem skond Rokku B, il-kisi sar min haddiema li hallashom il-konvenut – ghalkemm l-esponenti ma rnexxilhiex tidentifika ricevuti specifici f'dan ir-rigward.

Abbazi ta' din ix-xhieda u dik moghtija mill-attrici fejn qalet illi « *Missieri apparti li kien ghamel xi xoghol fil-post huwa wkoll, kien offra l-ghajnuna tieghu fil-bini izda dejjem irrifjutaw*"[13], **jidher illi l-hidma in konnessjoni mal-bini tad-dar matrimonjali saret kompletament mill-konvenut u missieru, b'ghajnuna minima min-naha ta' missier l-attrici. »**

In kwantu ghall-ispejjez illi l-partijiet inkorrew sabiex setghu jibnu u jlestu d-dar qabel iz-zwieg, il-konvenut ipprezenta diversi ricevuti hafna minnhom f'ismu, izda whud f'isem missier il-konvenut, ohrajn minghajr indikazzjoni ta' isem jew data. Dawn ir-ricevuti (**Dok RC3 sa Dok RC34**) b'kollox jammontaw ghal Lm 15,756.12. Min-naha taghha, l-attrici pprezentat kopja ta' ricevuta wahda ta' *Sky Blue Furniture* fl-ammont ta' Lm 310 (**Dok PQ9**), ghaliex qalet illi ma setghetx issib ir-ricevuti[14].

F'dan ir-rigward, huwa minnu illi l-prova dokumentarja hija qawwija skond il-Ligi. B'danakollu, apparti n-nuqqas ta' l-indikazzjoni ta' l-isem u d-data fuq diversi mir-ricevuti pprezentati mill-konvenut kif ga` nghad, wiehed irid iqis illi l-attrici, fiz-zmien ta' l-gherusija, kellha paga paragonabbli ghal dik tal-konvenut jew sahansitra oghla. Dan kif jidher mid-dokument **Dok PQ11,** minn fejn jirrizulta illi d-dhul ta' l-attrici bejn is-sena 1991 u 1996 kien ta' Lm 21,019 filwaqt illi dak tal-konvenut bejn l-istess snin kien ta' Lm 16,746, apparti l-fatt illi l-konvenut ghamel is-sena 1994 minghajr impieg.

Inoltre, hekk kif jirrizulta minn **Dok PQ12**, bejn is-snin 1993 u 1996, l-attrici fil-kont kurrenti taghha, kellha dhul ta' Lm 21,649.82. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, qajla hija kredibbli l-verzjoni tal-konvenut illi hallas ghal kollox hu in kwantu jirrigwarda x-xogholijiet fid-dar matrimonjali, antecedenti ghaz-zwieg. Fuq bazi ta' probabilita`, l-esponenti temmen illi l-attrici wkoll ghenet finanzjarjament fl-ispejjez involuti ghall-arredament tad-dar. Effettivament, l-esponenti analizzat ir-ricevuti pprezentati mill-konvenut u r-rendikonti bankarji pprezentati mill-attrici. Minn tali analizi jirrizulta illi ghalkemm tista' tghid illi hafna mir-ricevuti jinsabu intestati f'isem ir-ragel (kif inhuwa komuni illi jsir fil-prassi), uhud mill-pagamenti relattivi jidher illi saru permezz ta' cekk mahrug mill-kont bankarju ta' l-attrici mal-Bank of Valletta bin-numru 10204894015. Ghalkemm ir-rendikonti ma jindikawx l-isem tal-beneficjarju tad-diversi cekkijiet, l-esponenti tirrileva illi c-cekkijiet mahruga mill-attrici jinkludu :-

[13] Affidavit ta' l-attrici datat 26 ta' Frar 2008.
[14] Xhieda ta' l-attrici moghtija fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2009: "*Ir-ricevuti illi kelli kienu d- dar u mbaghad sparixxew*".

- Cekk numru 61 datat 7 ta' Settembru 1993 illi jikkorrispondi mar-ricevuta ta' B&M supplies (**Dok RC 17**) datata 23 ta' Settembru 1993 f'isem il-konvenut, fl-ammont ta' Lm 300.00 [15];

- Cekkijiet bin-numri 80, 124 u 129 datati 21 ta' Novembru 1994, 26 ta' Dicembru 1994 u 30 ta' Dicembru 1994 illi jikkorrispondu mar-ricevuti ta' Bathroom Design (**Dok RC16**) datati 12 ta' Novembru 1994, 29 ta' Novembru 1994 u 29 ta' Dicembru 1994, f'isem il-konvenut, fl-ammont totali ta' Lm 941.00 ;

- Cekk numru 187 datat 16 ta' April 1996 fl-ammont ta' Lm 500.00 illi jikkorispondi mad-data tar-ricevuta ta' Dennis Fava ghal kamra tas-sodda *solid oak* (**Dok RC3**) datata 12 ta' April 1996. Ir-ricevuta fl-ammont ta' Lm 1800 hija mahruga f'isem il-konvenut.

Dan ghalhekk ikompli jikkonferma l-fehma ta' l-esponenti illi fil-fatt, bhal ma jigri diversi drabi, il-koppja qabel iz-zwieg kienu qieghdin jaqsmu l-ispejjez bejniethom, minghajr indikazzjoni cara ta' min kien qieghed ihallas ghal x'hiex u ghalhekk, fl-umili fehma ta' l-esponenti, qajla hemm lok illi jkun hemm xi kreditu parafernali f'dan ir-rigward, salv ovvjament ghax-xoghol illi ghamel il-konvenut fid-dar matrimonjali, kif ga` nghad. (sottolinear tal-Qorti).

Inoltre, **anke x-xogholijiet illi saru mill-konvenut saru b'hafna ghajnuna minn missieru Rokku B, u ghajnuna minima da parti ta' Carmelo Spiteri (missier l-attrici). Izda ovvjament, l-ebda wiehed mill-genituri tal-kontendenti m'huwa parti f'dawn il-proceduri u ghalhekk, legalment, ma jistax jigi valutat xogholhom u kwalunkwe pretensjoni dawn kellhom, jew jista' jkollhom, f'dan ir-rigward, hija estranea ghal dawn il-proceduri.**

Ghalhekk isegwi illi, **sakemm dina l-Onorabbli Qorti ma tinnominax Perit Tekniku ghal dan il-ghan, u dan ikun jista' jistabilixxi bir-reqqa liema xogholijiet saru mill-konvenut *proprio*, allura x-xoghol ta' l-istess konvenut jista' jigi valutat biss, anke wara perizja teknika, b'mod approssimattiv, *arbitrio boni viri*, billi, x'aktarx, jinghad illi l-konvenut ghandu l-jedd illi jithallas ta' nofs ix-xoghol illi sar minnu u minn missieru fuq id-dar matrimonjali, fuq l-assunzjoni illi dawn kienu jahdmu flimkien, numru ta' sighat simili. »**

Fl-udjenza tal-20 ta' Marzu 2013 il-konvenut talab in-nomina ta' Perit Tekniku « sabiex jirrelata limitatament dwar il-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward tal-valur tal-mano d'opera allegatament maghmula mill-konvenut CB ». B'digriet tal-istess jum il-Qorti innominat bhala Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba « sabiex jirrelata limitatament dwar il-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet fir-rigward tal-valur tal-mano d'opera allegatament maghmul mill-konvenut CB ».

[15] Xhieda tal-konvenut moghtija fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2010 "*Mistoqsi jekk il-madum tal-B&M inxtrax bi flus Lorriane, nghid illi minghand B&M xtrajna l-madum ta' kamra tal-banju minnhom u l-madum ta' l-art. Lorriane hallset parti mill-madum ta' l-art*".

Il-Perit Tekniku l-AIC Alan Saliba pprezenta u halef ir-rapport tieghu fis-27 ta' Gunju 2013.[16]

Wara li ghamel il-konstatazzjonijiet rilevanti l-Perit Tekniku ikkonkluda li l-valur tal-mano d'opera maghmul fid-dar 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia, jammonta ghal erbatax-il elf u tnejn u sittin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€14,062.54) kif hawn taht spjegat :-

IL-VALUR TAL-MANO D' OPERA MAGHMUL MILL-KONVENUT

Ghalhekk, il-valur tal-mano d' opera maghmul mill-konvenut fid-dar matrimonjali numru 18, Triq l-Imnajra, Birzebbuga qed jigi stmat kif indikat f' din it-tabella:

| NRU. | DESKRIZZJONI | KWANTITA | RATA Lm | STIMA Lm |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Bini ta' hitan | 255.45 qasab kwadri | 9.00 | 2299.05 |
| 2 | Xoghol fuq il-fil | 18.87 qasab kwadri | 8.00 | 150.96 |
| 3 | Faxxa | 177.00 piedi | 1.00 | 177.00 |
| 4 | Soqfa | 110.04 qasab kwadri | 12.00 | 1320.48 |
| 5 | Kontrabejt | 36.61 qasab kwadri | 8.00 | 292.88 |
| 6 | Turgien | 272.91 piedi | 1.00 | 272.91 |
| 7 | Travi | 53.63 piedi kubi | 3.00 | 160.89 |
| 8 | Art | 32.96 qasab kwadri | 8.00 | 263.68 |
| 9 | Skorror foloz | 88.00 wiehed | 0.40 | 35.20 |
| 10 | Samrotti | 77.00 wiehed | 2.00 | 154.00 |
| 11 | Dawl | 86.00 points | 5.00 | 430.00 |
| 12 | Ilma | 14.00 granet | 20.00 | 280.00 |
| 13 | Drenagg | 10.00 granet | 20.00 | 200.00 |

[16] Fol. 566

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | TOTAL Lm | 6037.05 |
| | | | **TOTAL €** | **14062.54** |

Il-Qorti qed tadotta din l-istima u taghmel taghha il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Perit Tekniku fir-rapport tieghu. Taghmel referenza ghall-eskussjoni tal-Perit Tekniku[17] .

Mal-istima maghmula fir-rapport tekniku peritali u konsidrat ir-risposti tal-Perit Tekniku ghad-domandi in eskussjoni, l-Qorti qed issid dan li gej :-

a) Qed tikkonsidra l-hitan interni bhala kollha tad-disa' pulzieri. Ghalhekk 'l-istima tal-mano d'opera ghandha tizdied b'**€327.11**

b) Qed tikkonsidra li sar mill-konvenut u missieru xoghol bl-ingenji ghal ghaxart ijiem bir-rata ta' Lm20 kuljum. Ghalhekk l-istima tal-mano d'opera qed tizdied b'**€465.80**

c) Qed tikkonsidra l-ispejjez ghat-tqeghdi tat-torba fis-somma ta' **€186.35**

d) Qed tikkonsidra illi il-points tal-elettriku ghandhom jigu kunsidrati bhala 'double points' u mhux 'single points' kif gew inizjalment indikati fir-rapport tal-Perit Tekniku. Ghalhekk l-istima tal-mano d'opera qed tizdied b'**€27.95**

e) Mhiex qed tilqa' t-talba tal-konvenut rigward il-pretensjoni tieghu imressqa lejn l-ahhar tal-kawza rigwardanti xoghol ta' suffetti. Il-Qorti ezaminat id-dokumenti li l-konvenut ipprezenta mal-affidavit tieghu li jinstabu minn fol 173 sa fol 245. Fl-affidavit tieghu il-konvenut jiddeskrivi dawn l-ircevuti bhala " l-ircevuti kollha tal-flejjes kollha li jiena hrigt sabiex inbniet id-dar matrimonjali kif ukoll xi flejjes li jien hallast ghat-tieg. Dawn il-flejjes thallsu minni qabel id-data taz-zwieg."[18]

Fl-ghaxar domanda tieghu in eskussjoni l-konvenut isaqsi lill-Perit Tekniku:

" 10. X'valur taghti ghax-xoghol li sar :

i. Tas-soffitti

ii. Madum tal-gallariji u l-btiehi

iii. Pedamenti

iv. Zebgha u tikhil tal-hitan

---

[17] Fol. 595
[18] Fol. 172

v. Hitan u s-saqaf tal-gibja sottostanti ?

Ir-risposta tal-Perit Tekniku ghal din id-domanda in eskussjoni hi s-segwenti :-

" 10. Ghalkemm l-esponent ma dahalx fl-'items' imsemmija (ghajr ghall-pedamenti u l-giebja li gew ikkunsidrati fix-xoghol ta' bini) billi mill-atti ma jirrizulta xejn dwar is-suffetti, madum u zebgha, l-esponent jikkunsidra €1,200 ghas-suffetti, €700.00 ghall-madum tal-gallariji u l-btiehi u €1,800.00 ghaz-zebgha u tikhil tal-hitan."[19] Ma hux car mill-atti jekk il-Perit Tekniku tax valur tal-mano d'opera biss jew inkella wkoll tal-materjal.

Jirrizulta pero' li tali pretensjoni tal-konvenut giet konkretizzata biss proprju fid-domanda in eskussjoni imsemmija. Fil-5 ta' Gunju 2013 il-Perit Tekniku zamm access fil-fond 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia fil-presenza tal-partijiet u tal-Avukati difensuri taghhom.[20] Jidher illi matul dak l-access il-konvenut ma talabx li jsir il-kejl tax-xoghol tas-soffitti, madum, tikhil u tibjid. Ghalhekk mhux konsentit issa li tali pretensjoni tikkonkretizza ruhha ghall-ewwel darba proprju fid-domandi in esklussjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu dritt minghand l-attrici ta' nofs is-somma likwidata mill-Perit Tekniku tenut kont li x-xoghol tal-idejn sar mill-konvenut u missieru. Il-hlas ghax-xogholijiet li ghamel missier il-konvenut ma hux kreditu dovut mill-attrici versu missier il-konvenut izda huwa semmai kreditu pretiz fil-konfront tal-attrici u tal-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi **l-konvenut ghandu kreditu kontra l-komunjoni fis-somma ta' sebghat elef u wiehed u tletin ewro (€7,031)**.

**Mobbli**

Fix-xhieda taghhom, il-partijiet jaqblu li l-maggor parti ta' l-ghamara gewwa d-dar matrimonjali nxtrat fiz-zwieg, u ghalhekk tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Izda l-attrici tghid illi din tiswa circa Lm 12,000[21] mentri l-konvenut ighid illi din ghandha valur ta' Lm 10,000[22].

---

[19] Fol. 597
[20] Fol. 568
[21] **Dok LC2.**
[22] Nota Guramentata tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta' Novembru 2007.

A skans ta' spejjez ulterjuri l-Qorti qed taghti valur lill-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali fis-somma ta' €25,630, ekwivalenti ghal Lm 11,000, u cioe' il-medja bejn iz-zewg stimi moghtija mill-partijiet rispettivament.

Il-Qorti qed tadotta l-konkluzzjonijiet milhuqa mill-Perit Legali fir-rigward tal-prtensjonijiet rigwardanti xi mobbli ta' valur minimu li allegatament l-attrici hadet mid-dar matrimonjali. Jirrizulta wkoll li xi mobbli li hadet l-attrici kienu proprjeta' parafernali taghha lilha moghtija minn membri tal-familja (ez. pultruna u kwadru).

**Spejjez tat-Tieg**

Ghalkemm fil-kors tal-kawza iz-zewg partijiet resqu pretensjonijiet fir-rigward tal-ispejjez relativi ghac-celebrazzjoni tat-tieg taghhom, hija l-fehma tal-Qorti illi fin-nuqqas ta' provi sodisfacenti dawn ghandhom jitqiesu li inhargu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u ghalhekk l-ebda parti ma tista' tivvanta xi kreditu kontra l-parti l-ohra fir-rigward. Hadet in konsiderazzjoni l-osservazzjoni tal-Perit Legali fir-rigward :-

" L-esponenti tirrileva illi f'diversi stadji f'dawn il-proceduri, saret referenza ghall-ispejjez inkorsi in konnessjoni mat-tieg tal-kontendenti. In vista ta' dak illi nghad fil-paragrafu 19, l-esponenti tqies illi anke dawn l-ispejjez tat-tieg, x'aktarx illi saru miz-zewg partijiet flimkien, kif hija l-prassi. Jew jista' jkun ukoll illi, kif inhija t-tradizzjoni, bi ftehim bejn il-partijiet, l-attrici kienet qieghda taghmel hafna mill-ispejjez tat-tieg, filwaqt illi l-konvenut ikkoncentra fuq ix-xogholijiet fid-dar konjugali – u dan aktar u aktar ikompli jsahhah il-fehma ta' l-esponenti illi galadarba tali spejjez huma konsumabbli u ma jistghux jigu rkuprati, il-gustizzja tirrikjedi illi jigi rikonoxxut il-ftehim implicitu bejn il-partijiet rigward id-divizjoni ta' l-ispejjez relattivi ghat-tieg u ghad-dar konjugali – kif ga` nghad."

**Vetturi**

**Peugeot 205**

"Qabel iz-zwieg, il-konvenut kellu vettura tat-tip Peugeot 205 illi nbieghet sabiex il-partijiet setghu jixtru vettura tat-tip Peugeot 106 matul iz-zwieg. –Il-partijiet ma jaqblux dwar kemm inbieghet il-vettura appartenenti lill-konvenut parafernalment. L-attrici fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2011 xehdet illi l-Peugoet 205 kienet stmata Lm 1000, filwaqt illi l-konvenut fin-Nota Guramentata tieghu pprezentata fid-9 ta' Novembru 2007 qal illi kellha valur ta' Lm 1500, u fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2010 xehed illi din inbieghet ghall-prezz ta' Lm 2000." Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni raggunta mill-

Perit Legali illi l-konvenut ma qalx il-verita' fir-rigward u ser tadotta l-istima moghtija mill-attrici b'dan illi qed jigi deciz li l-konvenut ghandu kreditu parafernali ta' Lm 1000 ossia €2329.37 fir-rigward tal-vettura illi huwa kellu qabel iz-zwieg.

**Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383**

"Matul iz-zwieg il-partijiet xtraw il-vettura tat-tip Peugeot 106, illi bl-imghaxijiet b'kollox giet tiswa Lm 7000 illi thallsu fiz-zwieg[23]. F'Lulju tas-sena 2007, l-attrici kellha incident b'din il-vettura u l-istess vettura giet dikjarata *total loss* mill-assikurazzjoni. John Lentini, *Senior Claims Handler* ma' Allcare Insurance Agency Limited, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2009 xehed illi l-*pre-accident value* tal-vettura skond is-*survey report* kien ta' Lm 1,700 u l-vettura kellha *wreck value* ta' Lm 300. Ghalhekk l-assigurazzjoni hallset Lm 1400 rapprezentanti l-valur nett tal-vettura, oltre Lm 25 *towing* u Lm 3 rapport tal-Pulizija f'ammont totali ta' Lm 1428. Tali hlas sar permezz ta' cekk pagabbli lill-attrici datat 13 ta' Settembru 2007 (**Dok JL1**).

Minkejja illi din il-vettura kienet tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, jirrizulta illi l-konvenut ma rceviex sehmu minn dan l-ammont, u dan kif ikkonfermat mill-attrici stess fix-xhieda taghha ta' l-1 ta' Dicembru 2009 fejn qalet "*Il-flus illi hadt minghand Allcare qieghdin ghandi u qieghda nuzahom ghall-bzonnijiet ta' kuljum. Lil Cma tajtu xejn minn dawn il-flus*". Kwindi l-attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut is-somma ta' €1663.17 ossia nofs l-ammont ta' Lm 1428 minnha percepit.

Ir-*wreck* illi jinsab fil-pussess tal-konvenut gewwa l-*garage* tad-dar matrimonjali ghandu jinbiegh bil-prezz indikat ta' €698.81 [ossia Lm 300] jew prezz iehor maqbul bejn il-partijiet, u r-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet ugwalment."

**Mutur Piaggio Typhoon bin-numru ta' registrazzjoni EAD 358**

"Mid-dokument **Dok HSBC8,** jirrizulta illi dan il-mutur gie manifatturat fis-sena 1996, u kwindi necessarjament inxtara fiz-zwieg. Minn verifici illi ghamlet l-attrici fid-19 ta' Jannar 2011 ma' David Borg Saydon, impjegat ma' Allcare Insurance Agencey Limited (**Dok HSBC8**), il-valur ta' dan il-mutur huwa ta' €200. L-attrici xehdet illi sa mid-data tas-separazzjoni *de facto* tal-kontendenti, dan il-mutur kien dejjem ghand il-*mechanic* ghaliex huwa *beyond economical repair*[24.]

Ghalhekk anke dan ir-*wreck* ghandu jinbiegh ghall-prezz indikat ta' €200 u r-rikavat jigi diviz ugwalment bejn iz-zewg partijiet."

---

[23] Xhieda ta' l-attrici moghtija fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2011..
[24] Xhieda ta' l-attrici moghtija fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2011.

**Mitsubishi Van bin-numru ta' registrazzjoni FAE 695:**

"Fl-Affidavit taghha l-attrici xehdet[25] illi dan il-van inxtara matul iz-zwieg. Fid-dokument anness ma' l-istess Affidavit mmarkat bhala **Dok LC2,** hemm indikat illi l-valur ta' dina l-vettura huwa ta' circa €4568, liema valur qatt ma gie kkontestat mill-konvenut.

Stante illi dan il-vann inxtara minhabba x-xoghol tal-konvenut u jidher illi dan baqa' jaghmel uzu mill-istess vettura fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponenti hija tal-fehma illi dan il-vann ghandu jigi assenjat lill-konvenut, b'dan illi l-attrici ghandha tircievi minghand il-konvenut is-somma ta' €2284, rapprezentanti s-sehem taghha ta' nofs mill-istess."

**Kontijiet Bankarji**

Mill-provi jirrizulta illi fil-kont kurrenti tal-attrici fid-data taz-zwieg kien hemm Lm224.54 filwaqt li f'savings account kien hemm bilanc ta' Lm73.47, b'kollox l-ekwivalenti ta' €694.18.

Ghalkemm l-attrici allegat li kellha kont ma' Barclays barra minn Malta ma ngabu l-ebda provi fir-rigward. L-allegazzjoni tal-konvenut li kien a xi flus lill-attrici sabiex tiddepozithom barra minn Malta fil-kont taghha wkoll ma gietx sostanzjata. Il-Qorti qed tiddikjara dawn iz-zewg pretensjonijiet bhala li ma gewx sodisfacentement sostanzjati.

**Djun**

**Dejn mal familjari**

Il-konvenut jallega li missieru kien sellef xi flus lill-partijiet sabiex inxtara van Mitsubishi. Il-konvenut jghid li ghad baqa' bilanc ta' circa Lm1,000.

Gialadarba d-dejn kien sar sabiex il-partijiet jixtru vettura matul iz-zwieg, isegwi illi kwalunkwe dejn li jista' jkun hemm huwa dovut miz-zewg partijiet. Ma jidhirx li sallum missier il-konvenut fittex lill-partijiet ghal bilanc li l-konvenut qed jghid li ghadu dovut. Tali dejn huwa fi kwlunkwe kaz dejn taz-

[25] Affidavit ta' l-attrici datat 26 ta' Frar 2008.

zewg partijiet flimkien u ghalhekk jekk u meta missier il-konvenut jidhirlu li ghandu jipprocedi sabiex jirkupra flus allegatament dovuti mill-partijiet lill-missier il-konvenut, il-partijiet ikunu f'posizzjoni li jresqu d-difiza rispettiva taghhom.

**Il-Likwidazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti**

**Id-Dar Matrimonjali**

Id-dar matrimonjali proprjeta' taz-zewg partijiet b'nofs indiviz kull wiehed ghandha llum valur ta' €291,250.

Il-Qorti ghalhekk qed tordna li l-fond **18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia**, ghandu jinbiegh taht l-Awtorita' tal-Qorti ghal-liema irkant jistghu jattendu oblaturi estranei.

Mir-rikavat ghandu l-ewwel isiru s-segwenti pagamenti:-

**Il-konvenut** jircievi s-somma ta' **€11,023.54** rapprezentanti:-

i) €2,329.37 kreditu parafernali in konnessjoni mal-vettura tat-tip Peugeot 205;

ii) €1663,17 rapprezentanti nofs l-ammont imhallas minn Allcare Insurance Agency Limited lill-attrici ghall-valur nett tal-vettura Peugeot 106 illi kienet tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

iii) €7,031.00 il-valur tal-mano d'opera li ezegwixxa l-konvenut fuq id-dar matrimonjali.

**L-attrici** tircievi s-somma ta' **€2,978.18** rapprezentanti:-

l) €2,284 rapprezentanti nofs il-valur tal-van Mitsubishi, appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, illi qieghed jigi suggerit illi ghandu gie assenjat lill-konvenut;

ii) €694.18 kreditu parafernali rapprezentanti d-depoziti ezistenti fil-kontijiet bankarji ta' l-attrici bin-numri 13214485039 u 10204894015 qabel iz-zwieg.

**Il-bilanc rimanenti mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali ghandu jigi diviz b'mod ugwali bejn iz-zewg partijiet**.

Ir-rikavat mill-bejgh tal-mobbli illi jinsabu fid-dar matrimonajali ghandu jigi diviz b'mod ugwali bejn iz-zewg partijiet.

Il-vann tat-tip Mitsubishi bin-numru FAE 695 ghandu jigi assenjat lill-konvenut.

Ir-rikavat mill-bejgh tar-*wrecks* tal-vetturi Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni EBC 383 u l-Piaggio Typhoon ghall-prezz ta' €698.81 u €200.00 rispettivament, jew prezz iehor maqbul bejn il-partijiet, ghandu jigi diviz nofs bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji illi jinsabu intestati f'isimha.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' parzjalment l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tiddisponi mit-talbiet attrici bil-mod segwenti :--

1. Tilqa' l-ewwel talba *in parte* billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif fuq spjegat. Tiddikjara il-jum tal-1 ta' Jannar 2007 bhala l-jum li z-zewg partijiet irrendew ruhhom hatja ghat-tkissir taz-zwieg taghhom.

2. Tilqa' t-tieni talba in *in parte* billi tipprovdi illi d-disposizzjonijiet ta' l-**Artikolu 48** tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta' Malta (u mhux tal-Artikolu 50)** ghandhom japplikaw fil-konfront taz-zewg partijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 2007 ghar-ragunijiet fuq premessi u tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenut inkwantu l-Artikolu 50 tal-Kap 16 kien gie abrogat.

3. Tilqa' t-tielet t-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti;

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tillikwida l-effetti kollha tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u tiddikjara illi din kienet tikkonsisti fis-segwenti :-

(a) Id-dar matrimonjali fl-indirizz Plot 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia u l-mobbli hemm kontenuti;
(b) Il-karozza tat-tip *Peugeot 106* bin-numru ta’ registrazzjoni EBC 383;
(c) Il-mutur tat-tip *Piaggio Typhoon* bin-numru ta’ registrazzjoni EAD 358;
(d) Il-vann tat-tip *Mitsubishi* bin-numru ta’ registrazzjoni FAE 695;
(e) Il-kontijiet bankarji intestati f’isem il-partijiet;

5. Tilqa’ l-hames talba u tiddikjara illi l-assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandhom jigu divizi u assenjati kif gej: -

(a) Id-dar matrimonjali illi tinsab Plot 18, Triq l-Imnarja, Birzebbugia titpogga ghall-bejgh ghall-prezz bonarjament pattwit bejn il-partijiet, ta’ €291,250.00 u mir-rikavat relattiv jithallas l-ammont ta’ €2978.18 rapprezentanti l-kreditu parafernali ta’ l-attrici, u l-ammont ta’ €11,023.54 rapprezentanti l-kreditu parafernali tal-konvenut.

Il-bilanc rimanenti mir-rikavat ghandu jigi diviz bejn il-partijiet b’mod ugwali;

(b) Il-mobbli illi jinsabu gewwa d-dar matrimonjali jinbieghu taht l-Awtorita’ tal-Qorti u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet f’sehem indaqs.

(c) Tassenja lil kull parti dawk il-beni mobbli illi jinsabu diga` fil-pussess ta’ kull wiehed jew wahda minnhom rispettivament;

(d) Ir-*wreck* tal-vettura *Peugeot 106* bin-numru ta’ registrazzjoni EBC 383 ghandu jinbiegh taht l-Awtorita’tal-Qorti liema wreck qed jinghata l-valur ta’ €698.81. Ir-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet b’mod ugwali ;

(d) Ir-*wreck* tal-vettura *Piaggio Typhoon* bin-numru ta’ registrazzjoni EAD 358 ghandu jinbiegh taht l-Awtorita’tal-Qorti liema wreck qed jinghata l-valur ta’ €200.00. Ir-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet b’mod ugwali ;

(e) Il-vettura tat-tip *Mitsubishi* van bin-numru ta’ registrazzjoni FAE 695 tigi assenjata lill-konvenut ;

6. Tichad is-sitt talba stante li ma hemmx htiega ta’ nomina ta’ Nutar Pubbliku.

7. Tilqa’ t-talba maghmula mill-attrici fl-udjenza tal-14 ta’ Marzu 2012[26] u tawtorizzaha tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe’ “Spiteri”.

8. Tilqa’ t-tmien talba u tordna r-registrazzjoni tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku ta’ Malta;

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u in kwantu ghal nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[26] Fol. 86